# IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ L-AKKADEMJA TAL-MALTI

SETTEMBRU 1964

ROYAL MELITENSIA MALTA

# L-INDIPENDENZA

*Issa Malta hija indipendenti u għalhekk tista' toqgħod mal-pajjiżi ħielsa u b'rajhom f'idejhom. Din kienet ix-xewqa ta' missierijietna u ta' nannietna u għal dan l-iskop huma tqabdu u mietu matul is-sekli. Issa x-xorti messet lilna li niċċelebraw din il-ġrajja kbira fl-istorja ta' Gżiritna u ninkurunaw lil Malta tagħna bil-kuruna tal-glorja u s-setgħa.*

*Il-lum Malta hi indipendenti, ma tagħraf lil ħadd bħala sid tagħha, ma toqgħod taħt il-ħakma ta' ħadd, imma tmexxi hi d-destin tagħha skond ir-rieda ta' wliedha. Bħala nazzjon indipendenti Malta għandha l-jedd u s-setgħa li tieħu postha fost il-Għaqda tal-Ġnus, u dak li hu l-aktar importanti, hi tista' bil-ħaqq kollu titħallat man-nazzjonijiet l-aktar ċivilizzati, progressivi u evoluti, għax Malta fiċ-ċokon tagħha għandha kull ma jeħtieġ biex tidħol fl-isfera tal-pajjiżi avanzati.*

*Il-Gżira tagħna għandha kultura, storja, lingwa u karattru li jiffurmaw is-sisien ta' kull progress ċivili, u soċjali; il-patrimonju nazzjonali tagħna hu kbir u l-ħila u l-ħeġġa tal-Maltin ipattu għan-nuqqas ta' risorsi naturali. Għal dan kollu l-futur ta' pajjiżna jipprometti ġid u barka, u jekk aħna nħabirku bil-ħila tagħna kollha u jekk nirsistu bil-ħeġġa, nistgħu mmexxu 'l quddiem lil pajjiżna u nagħtuh xejra ġdida ta' riżq u ta' qawwa.*

*Imma issa aħna nħollu u norbtu jekk pajjiżna jgħaddi 'l quddiem jew jibqa' bla jiċċaqlaq; issa ma nistgħux norbtu fuq nazzjonijiet oħrajn jew nistennewhom imexxuna huma. Il-lum Malta hi tal-Maltin u huma biss għandhom id-dmir li jaqilgħuha, imexxuha u javanzawha, u jekk ma tavanzax, il-ħtija tkun tagħhom biss.*

*It-tama tagħna hi kbira għax nafu li ħutna l-Maltin iħobbu art twelidhom u fejn jeħtieġ huma pronti biex jissagrifikaw kollox, saħansitra ħajjithom, għaliha. Imma biex is-sagrifiċċju jkun ta' fejda jeħtieġ li jkun imqanqal biss minn sentimenti ġenwini, nazzjonali u patrijottiċi. Jeħtiġilna li ngħollu l-bandiera tagħna biss; jeħtieġ naqbdu triq għalina u nimxu dejjem fiha 'l quddiem bla ma mmilu lejn toroq jew*

*mogħdijiet bcrranin. Issa hu dmir tagħna, u dmir sagrosant, li nseddqu dak kollu li hu Malti, għax jekk nitilfu l-individwalità u l-karattru nazzjonali tagħna, l-indipendenza tagħna tisfa' fiergħa u taċ-ċajt.*

*Mela ningħaqdu lkoll flimkien bħala ċittadini wlied Malta, nogħlew 'il fuq mill-partiti, nieħdu id f'id, nistqarru li aħna Maltin u nwiegħdu li naħdmu bil-ħrara ta' qalbna kollha għall-ġid u b'riżq ta' ommna Malta ħanina.*

# IN-NOVELLA

Ta' G.Z.A.

Aktarx li ebda fergħa ta' l-arti letterarja mhi qadima, varjata u interessanti daqs in-novella. Ir-rakkont beda jintuża fiż-żerniq tal-letteratura u għadhom jużawh kittieba ta' żmienna sabiex iwasslu lis-semmiegħa jew lill-qarrejja xi aħbar, xi tagħrif, li jista' jkollu x'jaqsam mal-ħajja tar-ruħ, jew ma' dik tal-ġisem, meta mhux mat-tnejn flimkien; jonkella biex iwasslu tagħrif fuq xi ħaġa interessanti — daqqa l-ġrajja xotta, xotta, imma li tolqot (aneddotu), u xi kull tant ġrajja vera jew immaġinata, imma intriċċata b'mod li tqajjem il-kurżità u tqanqal l-interess; drabi oħra l-istorja tieħu sura ta' tixbiha, bħalma l-parabboli ta' Kristu jew il-ħrejjef ta' Esopu, li tgħallem jew tfiehem lin-nies xi ħaġa ta' ġid għalihom.

Infatti, sa minn żmien Budda, (seklu VI qabel Kristu) in-novella kienet l-arma ewlenija f'idejn l-aqwa riformaturi tal-bnedmin, u biha huma nqdew biex ifissru aktar ċar il-ħsieb tagħhom, jagħtu prinċipji ta' direzzjoni spiritwali, u jinfluwenzaw lil dawk li xtaquhom jimxu warajhom, jew li kienu diġà mseħbin fix-xirka tagħhom — bħalma, biex infissru ruħna b'eżempju, studjużi moderni Kattoliċi wrew li kien l-iskop tar-rakkonti li nsibu fil-Qoran ta' Mawmettu. Biha nqdew bħala "materia prima" kittieba magħrufa — fost l-oħrajn Chaucer u Shakespeare — jew bħala għodda ewlenija kif għamlu l-Boccaccio u Guy de Maupassant u bosta oħrajn, l-aktar il-Franċiżi, li huma l-aħjar kittieba tan-novella. Daż-żmien in-novella hi aktarx miktuba fi proża, iżda fl-imgħoddi kienet xi drabi tinkiteb f'versi, l-aktar fl-ottava rima — it-traduzzjoni bil-Malti tal-ħrejjef ta' Esopu, li saret dan l-aħħar nistgħu nqisuha bħala xempju. Minn ftit taż-żmien 'l hawn il-Maltin saru midħla l-aktar tax-"short story" Ingliża, jew aħjar dik li tinkiteb bl-Ingliż, u naturalment ukoll ta dawk l-istejjer b'ilsienna — li minnhom għandna għadd ġmielu, l-aħjar fosthom mhux ta' min imaqdarhom. Iżda n-novella tinkiteb fil-biċċa l-kbira ta' l-ilsna tad-dinja u f'għadd li qiegħed dejjem aktar jiżdied. In-novella, mela, kienet u għadha tingħoġob u ma jidhirx li sejra tintilef il-ġibda li hawn

għaliha, l-aktar billi fis-seklu tagħna kollox isir bil-ġiri għax iż-żmien hu prezzjuż u n-nies ftit għandha ħin għal rumanzi twal, għalkemm dawn għadhom jinkitbu f'għadd kbir.

Is-suġġetti tan-novella huma varjati daqs kemm huma differenti l-gosti tal-bnedmin: insibu stejjer ta' mħabba u ta' mbegħda; avventuri ta' kull xorta, fil-qalba ta' l-ilbliet, fost l-iġbla, f'-imsaġar u fix-xagħri; ħidmiet ta' tkixxif, ta' spjunaġġ, ta' serq, ta' qtil ta' xogħol polizjesk; stejjer b'intriċċ soċjali, umoristiku, satiriku, didattiku, jew ta' atmosfera (bħalma huma, fost l-oħrajn, dawk ta' Edgar Allan Poe, li jaf idaħħlek f'dinja ġdida u jagħmlek biċċa minnha); rakkonti realistiċi, veristi jew romantiċi, serji jew ferrieħa, idaħħku għax strambi, ibikku għax jisiltu l-qalb, ibeżżgħu għax misterjużi jew għax fuq ħwejjeġ ta' barra minn hawn. Imma kollha kemm huma, għallinqas fil-fehma ta' min jiktibhom, jogħġbu, jew iqanqlu interess.

Malajr wieħed jifhem għaliex in-nies tfittex dawn -istejjer il-qsar, l-aktar meta jitkellmu fuq l-imħabba, jew fuq xi avventura għal qalbna jew inkella fuq xi ħaġa tad-daħk jew li ġġegħlek tixbissem u tħabbek aktar ma' għajrek; iżda mhux daqshekk ċar għaliex ħafna jħobbu jaqraw stejjer li jqanqlu u jbikku jew li jbeżżgħu u jwaħħxu. Min għarbel din il-kwistjoni jaħseb li jista' jkun li dan jiġri għaliex f'dawn l-istejjer l-awtur jixħet dawl ġdid fuq il-bnedmin u ġrajjiethom u jurihom f'lewn u sura xorta oħra minn kif imdorrijin narawhom jew inqisuhom. Infatti, kemm l-istorja tal-waħx li tkexkixna, sew dik li xxarbilna ħaddejna bid-dmugħ u tnikkitna, meta tkun imfassla u miktuba tajjeb, taqtagħna, għax toħodna għal għarrieda billi f'daqqa waħda turina li ċerti nies li magħhom (jew bħalhom) konna nagħmluha u forsi konna ngħixu wkoll u li dwarhom kien jidhrilna li nafu kollox, huma xort'oħra milli konna naħsbu għaliex mistura ġo fihom hemm xi xejra, xi ġibda, xi drawwa li f'ċerti ċirkostanzi tibdilhom kważi għal kollox u ġġegħilhom jaħsbu u jagħmlu wisq mod ieħor milli qatt kien igħaddielna minn moħħna.

In-novella tinkiteb f'sura narrativa li tieħu għamla ta' rakkont li l-awtur igħaddi direttament lill-qarrej, jew ta' konversazzjoni — djalogu bejn tnejn min-nies jew taħdita bejn aktar. Iżda tkun liema tkun l-għamla, biex tirnexxi trid tinkiteb fi stil sempliċi. Is-sempliċità ma tfissirx li s-suġġett għandu jkun ittrattat b'mod superfiċjali anzi, għall-kuntrarju, għandu jkun il-frott ta' ħafna ħsieb. Lanqas ma tfisser li l-istorja ma tkunx mirquma tajjeb f'kollox: li ma tniggisx jew ma tweġġax, ma tħennix jew tnikkitx, jew inkella ma ddaħħakx. Mela l-kitba tan-novella mhi xejn ħaġa ħafifa u l-kittieb jeħtieġlu taħriġ l-aktar serju qabel ma jkun jista' jħossu mgħallem ta' din ix-xorta ta' sengħa tal-kitba — forsi l-aktar, billi barra dak li għandu x'jaqsam mal-parti għal kollox letterarja, irid ikun jaf jaqra qalb il-bniedem, u jifhem sewwa kif dan meta jkun f'din jew f'dik il-qagħda li fiha jista' jixtieq jibqa' jew li minnha jixtieq jaħrab. U ma għandniex xi

ngħidu, dan kollu jrid ikun imfisser fi kliem magħżul u xieraq, minsuġ f'sentenzi aktarx qsar u komplikati mill-inqas ħalli l-qarrej ma jiltaqax ma' tfixkil lingwistiku li ma jħallihx jifhem sewwa jew mill-ewwel l-istorja u ma jeħux pjaċir biha; dan jitlob mill-kittieb dehen u taħriġ fit-tifsir tal-ħsieb. Fl-aħħarnett hu meħtieġ l-akbar għaqal fit-tfassil ta' l-istorja: din ukoll għandha tkun sempliċi, jigifieri bla komplikazzjonijiet żejda u bla ma ddeffes ħafna nies, għaliex inkella, sabiex l-intriċċ jiżviluppa tajjeb u l-persunaġġi juru sewwa l-karattru tagħhom, ikun jeħtieġ it-tul u l-istorja... ma tibqax aktar novella.

Infatti wieħed kritiku letterarju dan l-aħħar waqt li kien qed jikkommenta fuq in-novella qal li fost ix-xogħlijiet letterarji kollha li f'dawn iż-żmenijiet jinkitbu fi proża, l-aktar diffiċli u li titlob ħsieb u taħriġ, hi sewwa sew in-novella. Għaliex kif żied igħid (u f'moħħu ma kellux aktarx in-novelli miktubin minn awturi Maltin, imma dawk diġà magħrufa ħafna, u b'mod speċjali dawk miktubin bil-Lingwa Ingliża) ftit huma l-awturi li jafu u jistgħu jiktbu novella tassew tajjeb. Fuq kollox, in-novella li ma tkunx f'kull sens u għal kollox brillanti, ma jistax ikollha ħajja twila għaliex ma tibqax tinqara, u billi tinħeba minn għajnejn il-qarrejja ma ddumx ma tmut, u tintesa.

Mela, għalkemm insibu li l-għadd ta' dawk li kitbu jew jiktbu n-novelli jlaħħaq l-eluf, dawk li jiksbu success tassew huma ftit. B'danakollu, ma għandniex naqtgħu qalbna. Jekk ma nippruvawx żgur ma nirnexxux. Iżda dak li għandi f'moħħi, għall-kuntrarju, hu li nitħeġġu nistudjaw aktar u fuq kollox niflu b'reqqa kbira l-aqwa novelli li jeżistu fid-dinja — biex insibu u nifhmu sewwa x'inhuma l-elementi li jagħmlu din jew dik in-novella immortali. Fil-fehma tiegħi dan għandu jkun is-sies li fuqu jinbena t-taħriġ fil-kitba tan-novella. Forsi bħal f'kull art oħra, ukoll fil-kitba tan-novella, hu meħtieġ li l-prinċipjanti jibdew billi jimitaw lill-aqwa mgħallmin qabel ma jkunu mħarrġa biżżejjed biex jiftħu triq għalihom f'intriċċ oriġinali mfisser f'lingwa addattata għall-karattri ħajja li jieħdu sehem fl-iżvilupp ta' l-istorja — storja li titressaq quddiem il-qarrej b'sengħa sottili li tqanqallu l-kurżità tqajjimlu l-interess u żżommhulu ħaj sa l-aħħar hekk li ma jaqlax għajnejh minn fuq il-ktiba qabel ma jtemmha — u fl-istess ħin waqt li jkun jaqra, widnejh jitpaxxew bid-diwi ta' dik l-armonija li titnissel mill-ħsus tan-nisġa għaqlija tal-kliem li bihom jinqeda l-awtur.

La darba l-iskop ta' din il-kitba hu t-tagħlim, nixtieq insemmi fil-qosor dawk l-għeltijiet li fil-fehma tiegħi għandna naħarbu.

Dawn huma:

1. Ewfemiżmu mhux floku jew mhux meħtieġ — meta l-awtur flok ma jgħid ċar u tond dak li jkollu f'moħħu, idawwar u jibdel, igħawweġ u jserrep, biex taparsi ma joffendix is-sentimenti — meta saħansitra l-aktar għemil jew ħsieb vulgari jista' jitfisser ċar, imma b'mod li ma joffendix, jekk il-kittieb ikun għaqli u jkollu kmand

tajjeb ta' l-ilsien li bih ikur qed jinqeda.

2. Storja li turi ċar li l-għan tagħha ewlieni hu li tgħallem xi ħaġa — għax b'hekk l-effett, għalkemm dirett, jitlef ħafna mill-qawwa tiegħu.

3. Storja mżejna żżejjed b'deskrizzjonijiet twal u rqaqat oħra li aktarx jaljenaw jew idejqu l-qarrej — li forsi jaqbiżhom u mbagħad jibda ma jifhimx sewwa — meta hu jkollu seba' mitt sena jara kif l-intriċċ ser jispiċċa, jew il-kobba mħabbla, maħlula.

4. Digressjonijiet ftit u xejn twal; jew inkella rimarki jew rifles-sjonijiet ta' l-awtur — xi drabi kważi priedki sħaħ — li għandhom fuq il-qarrej l-istess effett li għadni kif semmejt, jekk mhux agħar.

5. Nuqqas ta' varjetà li jġib ċerta monotonija li ddejjaq u xxabba'.

6. Intriċċ dgħajjef jew li ma jqanqalx il-kurżità u jżommha sħiħa mill-bidu nett sa kważi l-aħħar kelma ta' l-istorja.

7. Anakroniżmi — meta tingħad xi ħaġa li ġrat fi żmien li ma jkunx minnu għal kollox — u l-aktar jekk il-ġrajja tkun magħrufa sewwa.

8. Lokalizzazzjoni żbaljata — l-aktar ta' artijiet, bliet, xmajjar, eċċ., jew inkella ta' kostumi jew drawwiet tan-nies li jgħixu fihom jew qribhom u li ħafna mill-qarrejja jkunu aktarx semgħu dwarhom.

9. Deskrizzjoni, ukoll jekk qasira, imma mejta jew nieqsa mill-kolorit, ta' xi persuna jew ta' xi post.

10. Daħla twila żżejjed li taqta' nifs min ikun qed jaqra, hekk li flok tħajru jissokta aktarx tħajru jagħmel il-kuntrarju.

11. Plaġjariżmu — meta awtur 'jissellef' u jagħmel tiegħu xogħol ħaddieħor. Tassew li "libri ex libris", imma min jinqeda b'xi **ħsieb** jew **fehma** ta' ħaddieħor irid jagħġinhom b'mod tali li meta jressaqhom quddiem il-qarrej ikunu ħadu sura u għamla ġodda għal kollox. Il-pla-ġjarista għandu jiftakar li l-istess bħall-giddieb, għomru qasir; u meta jinqabad, imbagħad, jitlef kull fama għax irġulitu tiċċekken fix-xejn. Il-plaġjariżmu hu ġerħa moqżieża.

12. U fl-aħħarnett, karattri mhux ħajja, imma pupi ebsin li jobdu tabilfors għar-rieda ta' l-awtur; filwaqt li hu meħtieġ għall-aħħar li dawn ikunu xebh ħaj ta' bnedmin veri li jaħsbu u jħossu, jibku u jidħku, jirraġunaw u jitkellmu bħalna li qegħdin ngħixu fid-dinja — nies imżejnin bit-tajjeb imniġġes bil-ħażin; b'xi roqgħa bajda għal kollox u b'xi tebgħa, kbira jew żgħira, imma sewda ħafna li tisfuma fi griż ċar. Hekk kif huma l-bnedmin — il-qaddisin u l-eroj, dawk li jbigħu moħħom jew ġisimhom; il-ħaddiem u min iħaddmu jew jis-fruttah; is-sinjur u l-fqir; il-bieżel u l-għażżien; it-tajjeb u l-ħażin.

Dawn huma xi ħofor — kbar jew żgħar, fondi jew mhumiex — li fihom jistgħu jiġġarrfu dawk li jkunu għadhom fil-bidu tal-karriera tagħhom bħala kittieba tan-novella (kull tant jiżolqu u jaqgħu wkoll kittieba li jmisshom jafu aħjar). Hemm ħofor oħra, imma bi ftit tal-

għaqal wieħed jista' jaħrabhom bla ma joqgħod iħabbel rasu wisq. Mark Twain meta kien jidhirlu li fassal f'moħħu storja tajba kien jiktibha xotta, xotta, bla ma jorqomha jew iżejjinha. Iżda dak kien Mark Twain.

Il-kittieb qabel kollox jeħtieġ il-ħerqa li joħloq; din tixgħellu l-fantasija li mbagħad hu jrid jagħraf iħaddem sewwa. Il-kittieb imħarreġ jaf jaħkem l-immaġinazzjoni u ma jħallihiex tieħdu fejn trid hi — min jaf fejn u f'liema stat tal-ħolqien — imma bir-riedni f'idejh iġegħilha tibqa' fid-dinja tal-bnedmin veri u ħajja saħansitra meta jkun qed joħlom ħrafa. Iżda jiġri li ż-żagħżugħ jintilef qalb... (min jaf fiex) li jeżistu biss f'moħħu, meta ma jsibx ruħu f'xi kamra mortwarja fejn il-katavri minxura fuq l-imwejjed ta' rħam ikunu għadhom ftit sħan u l-muskoli tagħhom għadhom iwieġbu għal xi tiġbida jew taħriqa, imma li għajnejhom ċassi, meta mhux diġà biż-żlieġa, juru li huma bla ħajja.

Wara li tajt xi ħjiel fuq il-lat negattiv, jidhirli li tkun ħaġa sewwa jekk ngħid xi ħaġa fuq il-lat posittiv: kritiku Ingliż huwa u jikkommenta fuq ix-"short story" isemmi tliet punti li fil-fehma tiegħu huma essenzjali biex din tinkiteb tajjeb. Billi naqbel miegħu u nħoss li għandu raġun ser nagħtihom sewwa sew fi kliemu — "unity, coherence and emphasis". Dawn, għallinqas kif nifhimhom jien ifissru: intriċċ, wieħed prinċipali; karattri, dawk biss li għandhom x'jaqsmu direttament ma' l-iżvolġiment ta' l-intriċċ; u arti fil-preżentazzjoni, biex jinxteħet aktar jew inqas dawl fejn u fuq min ikun meħtieġ ħalli tidher aktar jew tinħeba f'xi dell xi persuna jew xi ħaġa iżjed minn oħra u b'hekk l-effett fuq il-qarrej jissokta jiżdied.

Nittama li jidher ċar li fil-kitba ta dan l-artiklu ma għandi f'moħħi la kritika u lanqas apprezzament ta' xi novelli, la ġewwenin u lanqas barranin. Ħsieb wieħed għandi: li nuri li l-kitba tan-novelli mhix ħaġa ħafifa u li titlob studju serju; li mhux għalkemm tiffantastika "plot" u tħożżu fuq karta. Imma mill-banda l-oħra, li ma tridx taqta' qalbek malajr, għax fi kliem Leo Stein, l-arti tan-novella titlob "intense devotion and persistent effort".

# IL-MEWT, MULEJ!

## Ta' A. MALLIA ZARB

Xi dwejjaq għandi fuqi, x'ħajja dina,
Taqtigħa din i -ħajja, ġlied bla tmiem;
Jien xbajt, għajejt nissielet mal-għedewwa,
U ruħi nħoss ɔil-għali għoddha nfniet.
Le, Le, Mulej, kif nista' jien ngħix aktar?
Il-ħajja tatni li i wisq bis-sieq,
Bil-ħarta wiċċi mliet, li kollu niexef
Inxtorob waqt li qalbi nħossha tttieklet
Bl-imrar u l-morr ta' dan il-ġlied qalil.

X'inhu, Mulej, x'inhu das-swied ta' qalbi?
Inħoss qed igħaffeġ tamti toqol kbir.
Għalfejn il-ħajja jekk kollha tbatija,
Taqbid tal-moħħ, tal-qalb, mar-rieda fqira,
Taqbida bla tmiem, sal-mewt, madmad qalil,
Għalfejn, għalfejn il-ħajja, jekk hi twila
Jew qasira, xorta waħda int trid tmut?
U t-tul ma jġib xejn miegħu ħlief tagħbija,
Tkattir ta' ħtija akbar u tad-dnub?

Bla qalb, ħassejt twiddiba mbagħad ġo fija,
Il-ħajja Jien tajthielek biex int tirbaħ;
Hi din il-grazz., hekk tiżżini ħajr?
Jew taħseb li nħallik titqabad waħdek?
Il-ġenna ma jidħlux baħrin tal-bnazzi,
'żda dawk li batew ħafna u baqgħu sħaħ,
'żda dawk li waqgħu, iva, u reġgħu qamu
U l-mewt jiħduha dawn bħala serħan.

Int taf, Mulej, li batejt jiena ħafna;
Ħniena, nitolbok, ħniena minn dir-ruħ!
Aħfirli jekk inqastek—iżda fittex
Eħlisni minn dal-kiefer wied tad-dmugħ!

# L-INNU MALTI

Ta' IVO MUSCAT AZZOPARDI

Kif sar l-Innu Malti diġà ntqal fit-tul fil-Berqa ta' Marzu, 1944, f'artiklu twil miktub minn Dun Karm innifsu, Nru. 33/57 ta' Settembru, 1957, imma naħseb li jekk wieħed, fil-waqt li jerġa' jtenni l-istorja ta' l-Innu Malti, iżid u jikkommenta u jagħti ġieh lil xi nies oħra biex dan l-Innu jilħaq il-popolarità li kiseb sal-lum, żgur li ma jagħmilx ħażin.

Qabel xejn se nwettaq ħaġa li diġà ntqalet u ta' min isemmiha. L-Innu Malti, kuntrarju għal dak li jsir is-soltu, l-ewwel inkitbet il-mużika tiegħu u fuqha nkitbu l-versi. Ħaġa diffiċli li tkabbar il-ġieh tal-poeta nazzjonali tagħna.

It-Tabib Robert Sammut kien professur tal-Mediċina u mhux mużiċista ħlief bħala dilettant. Kien huwa li ħarbex bla akkumpanjament xejn, erba' noti fuq fuq u xeħithom fuq l-ixkaffa ma' ruxxmata bċejjeċ oħra. It-Tabib Sammut meta ħarbex dawk il-ftit noti ħerġin minn qalb safja kien ta lill-Maltin wieħed mill-isbaħ innijiet li qatt inkitbu għal xi nazzjon.

Mela lilu tixraq l-ewwel tislima u ħadd ma għandu jinsieh lit-Tabib Robert Sammut.

L-ewwel li ntebah bit-ton solenni u sempliċi ta' dawk il-ftit noti kien l-Avukat Albert Laferla, Direttur ta' l-Iskejjel Elementari tal-Gvern, waqt li kien jinstab fi żjara għand il-Professur Sammut, ħabib tiegħu kbir, u dan fettillu jsemmagħlu dawk il-ftit noti li anqas għad kellhom miktub l-akkumpanjament tagħhom.

L-Avukat Laferla ħa fil-but dawk l-erba' noti u ġieh ħsieb f'rasu li wettqu meta wara xi ġranet iltaqa' ma' Dun Karm Psaila u talbu biex jara jistax jiktiblu ftit versi ħa jitkantaw mit-tfal ta' l-iskola tal-Gvern. Dan kien fl-1922.

Dun Karm ma kienx jaf igħid le u kif daħal f'daru, li dik il-ħabta kienet tinsab fi Triq l-Ifran, mar dritt fuq il-pjanu u fittex li jlaqqa' mar-ritmu tal-mużika r-ritmu tal-vers Malti u nduna li l-vers ta' ħdax-il sillaba biss seta' jaqdih.

Id-diffikultà li nstab fiha Dun Karm kienet li l-mottiv kien qasir u tliet versi biss setgħu jidħlu. Aħseb u erġa' aħseb qatagħha li Innu Nazzjonali biss taħt sura ta' Talba 'l Alla għal Malta, seta' jsalva s-sitwazzjoni u billi dik il-ħabta Malta kienet għaddejja minn kriżi politika qal f'qalbu: "Alla ried hekk u se naqdih mill-aħjar li nista'".

U mill-pinna ta' Dun Karm ħarġu dawk il-famużi sitt versi — li l-lum Malta kollha tafhom — li fihom saħħa, imħabba, talb, u sbuħija, versi ta' patrijottiżmu "sine qua non".

L-Avukat Laferla tgħaxxaq warajhom u kellu għal fejn.

L-Innu Malti kien twieled bis-saħħa ta' tliet Maltin; Robert Sam-

mut u Dun Karm Psaila u fosthom li rabathom flimkien Albert Laferla.

L-Innu nstama' l-ewwel darba taħt is-saqaf tat-Teatru Manoel, it-teatru storiku tagħna, nhar is-Sibt, it-3 ta' Frar, 1923, meta daqqitu s-Soċjetà Mandolinistika tal-Birgu u kantawh il-bniet ta' l-Iskola tal-Gvern, waqt kunċert Malti li tat il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti.

Imbagħad għadda xi żmien qabel ma reġa' nstama' u skond stqarrija ta' Dun Karm id-debutt tiegħu fil-beraħ sar fit-8 ta' Settembru ta' l-1928 meta nstama' wara t-Taħdita fuq l-Assedju l-Kbir.

U għal xi snin l-Innu Malti baqa' jinstama' biss mit-tfal ta' l-Iskejjel fil-Festa tar-Rebħa għax għalkemm il-kanarin kien twieled ma kienx għadu rabba l-ġwienaħ.

Issa Dun Karm ħass li barra minn poeta kellu wkoll jagħmilha ta' propagandista għax biċċa xogħol sabiħa u ħelwa bħal dik ma kellhiex tibqa' biss monopolju furzat ta' tfal ta' l-iskejjel.

U fl-1936 ħajjar lis-Surmast Vincenz Ciappara, is-Surmast tal-Banda King's Own, biex jistrumentah għall-Banda tiegħu.

Pass ieħor 'il quddiem kien sar u fit-8 ta' Settembru, 1936 l-Innu ndaqq minn din il-wisq magħrufa Banda.

Issa l-ġwienaħ tal-kanarin bdew jikbru sewwa għax wara l-King's Own daqqitu l-Banda "San Mikiel" ta' Ħaż-Żabbar, waqt il-Festa tal-Madonna tal-Grazzja u mbagħad il-Banda tal-1st K.O.M.R.

U ħabrek minn hawn u ħeġġeġ minn hemm, baned militari oħra imxew wara l-K.O.M.R., u baned ta' mkejjen oħra imxew fuq il-passi tal-King's Own.

Fil-1938 imxejna 'l quddiem pass ieħor meta May Butcher, Ingliża li kienet tħobb ħafna lil Malta u lill-Maltin u kienet taf bil-Malti tajjeb ferm, qalbitu għall-Ilsien Ingliż, b'versi adattati u meqjusin u din it-traduzzjoni tagħha dehret fit-Times of Malta.

Sa hawn bejn wieħed u ieħor għidnielkom l-istorja ta' l-Innu Malti kif għarfuha l-Maltin minn fuq il-Berqa u t-tagħrif l-ieħor mogħti mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni, kif diġà għidnielkom fil-bidu ta' dan l-istudju ċkejken.

Dan l-aħħar ukoll fil-Malta Review ta' Ġunju, 1962, deher xi tagħrif bl-Ingliż taħt l-isem "Malta's National Anthem", imma l-artikolett ma kien fih xejn ġdid.

Dak li l-Maltin aktarx ma jafux huwa li barra min-nies li jien diġà semmejtilkom, hemm oħrajn li jeħtieġ li isimhom jidher fl-istorja ta' l-Innu Malti għax kieku huma li tawh xejra ta' popolarità barra minn xtut Malta.

Il-kanarin issa kien rabba par ġwienaħ daqsiex li ħadd ma seta' jżommu li ma jittajjarx barra mill-gaġġa u jimraħ fl-għoli tas-smewwiet.

Fit-18 ta' Lulju, 1939, mir-Radju ta' Luxemburg ir-Rovers li siefru minn Malta biex jieħdu sehem f'laqgħa Internazzjonali li saret

f'Monzie Castle ġiehom il-ħsieb sabiħ li jsemmgħu l-Innu Malti.

Dawn l-istess Rovers reġgħu semmgħuh lill-udjenza ta' xi 8,000 ruħ li kienu jirrappreżentaw 40 nazzjon waqt laqgħa oħra li saret fi Crieff fl-Iskozja.

Jien inzertajt Malta bil-btala fil-1939, u f'dik l-okkażjoni smajt l-Innu Malti li għoġobni bosta.

Waqt it-tieni gwerra dinjija kont ninsab f'Lixandra u bdejt norganizza xi kunċerti bil-Malti. Ħassejt li għandi nagħlaq dawn il-kunċerti bl-Innu tagħna avolja dik il-ħabta ma kienx rikonoxxut uffiċjalment anqas f'Malta.

Kif nagħmel minn dak il-bogħod kollu fl-eqqel tal-gwerra?

F'dawn il-kunċerti kien jieħu sehem ċertu żagħżugħ minn Malta, is-Sur Chretien, li kellu leħen sabiħ tassew u kien jinsab f'Lixandra trasferit mid-Dockyard ta' Malta.

Staqsejtu jekk kienx jafu. Qalli li iva u seta' jsaffarhuli. U hekk għamilna.

Is-Surmast Alexander Greck, mużiċista ta' polz, ħażżu fuq karta u fl-20 ta' Ottubru, 1940, instama' l-ewwel darba minn fuq l-Egyptian State Broadcasting.

Is-Sur Joseph Manduca, Malti ieħor trasferit f'Lixandra, sama' l-kunċert li għalaqnieh bis-*suppost* Innu Malti.

L-għada ċempilli u staqsieni x'kienet dik il-biċċa mużika li għalaqna biha l-kunċert.

"L-Innu Malti" għidtlu jien.

"L-Innu Malti?!" "U le. Jixbhu xi ftit, imma mhux hu".

Wara xi jiem iltqajt mas-Sur Manduca u wegħedni li jġibhuli minn Malta u wara xi ftit taż-żmien waslitlu l-partitura għall-Banda li kien bagħatlu s-Surmast Casapinta, li kien Direttur tal-King's Own.

Ma nistax ngħid jekk din il-partitura kinitx xi waħda ġdida maħduma mis-Surmast Casapinta jew l-oriġinal li xi snin qabel kien għamel is-Surmast Ciappara li semmejna ftit ilu.

Il-fatt hu li fl-1 ta' Diċembru, 1940, waqt Partita Football li ntlagħbet f'Lixandra bejn il-Maltin u l-Griegi (aħna konna tlifna 2-1) li għaliha kienu qegħdin idoqqu erba' baned. Il-Maltija, il-Griega, l-Egizzjana u waħda Militari Ingliża, indaqq l-Innu Malti minn din l-aħħar Banda, li ngħoġob immens mill-pubbliku kollu li kien qed joħnoq l-Istadju ta' Lixandra li sar jaf bih qabel xejn għax dik il-partita kienet ġiet organizzata b'benefiċċju tal-Malta Relief Fund u t-tieni nett għax kien hemm l-aħjar *elite* ta' Lixandra fosthom ir-Re tal-Greċja.

L-Innu Malti — armonizzat mis-Surmast Alexander Greck reġa' nstama' minn fuq l-E.S.B., fit-8 ta' Diċembru, 1940, u fil-25 ta' Mejju, 1941, waqt kunċert bil-Malti organizzat minni.

U tant ġibidli qalbi u ħeġġiġni li iddeċidejt li nistampah u dan għamiltu fl-1942 qabel ma kien rikonoxxut uffiċjalment mill-Gvern Malti, jekk niftakar sewwa fl-1943.

Dak li jien żgur minnu hu li l-George Cross mogħti lil Malta f'April ta' l-1942, ġie mdaħħal fl-araldika fit-28 ta' Diċembru, 1943.

U sa fejn naf jien l-Innu Malti ma stampa ruħu minn ħadd ħlief mix-Xirka għat-Tixrid tal-Qari Malti u Propaganda tal-Eġittu mmexxija minni u kien b'mezz ta' dan l-Innu stampat li l-Innu sabiħ tagħna saru jafu bih il-Maltin kollha mqassmin mad-dinja*.

***NOTA EDITORJALI: L-Innu Malti kien deher stampat l-ewwel darba fit-tieni ħarġa ta' "IL-MALTI" fl-1925 paġ. 64 fir-relazzjoni tal-KUNĊERT MALTI fi Frar, 1923, mill-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI.**

**Il-Kav. Ivo Muscat Azzopardi, li tant jinteressa ruħu f'kull ħaġa fejn jidħol il-Malti, ħaqqu kull tifħir talli b'sens patrijottiku issokta jippopolarizza l-INNU MALTI stampat minnu fl-1942.**

---

## SENA ĠDIDA

Ta' ĠORĠ BORG

Il-bieraħ
Ta' tfal ċkejknin
Urewna s-sema safi,
Il-ġenna tal-Bambin!

Il-lum
Li sirna kbar
Bix-xjenza qed juruna
Il-ħajr ta' ġenna aħjar
Mitlufa fl-ikhal
Ta' l-univers setgħan
Fejn il-bnedmin jixtiequ
Li jkollhom ftit serħan!

Imm'aħ dil-ġenna ġdida
—Il-ħolma ta' das-snin,
Qed tnessi l-ewwel ġenna
Fil-ħajja tal-bnedmin!

# IL-MEWT TA' LAKOONTE

## (Minn l-"Enejde" ta' Virġilju)

Ta' PATRI ĠUŻEPPI CREMONA, O.F.M.

Kien Lakoonte qassis tal-ħelu Apollo,
magħżul min-nies biex f'dak il-jum tad-debħa
fil-maqdes joffri ta' Nettunu, meta
żewġt isriep kbar iwerwru ta' Tenedu
qabżu mix-xatt għall-baħar u ġew jiġru
jitkagħwġu fuq il-mewġ, rashom merfugħa;
mimlija demm u nar tar'hom għajnejhom
u s-sfafar tisma' toħroġ minn ilsienhom,
u jsawtu bid-denb tagħhom l-ilma u l-mewġa
taqbeż u tinżel b'ragħwa li ma bħalha...
Waslu għax-xatt l-ieħor u dlonk qabdu jiġru
għall-maqdes ta' Nettunu fejn kien jitlob
dak il-qassis u żewġt itfal minn tiegħu
żgħar bl-ebda ħniena s-sriep qabdu jigdmuhom;
mietu hemm bl-uġigħ u s-semm li daħal f'demmhom.
Missierhom il-qassis tal-ħelu Apollo
ġie ħdejn it-tfal bis-sejf jaqbeż għalihom,
u daru s-sriep it-tnejn dwar għonqu u sidru,
għafset kemm tista' l-qawwa ta' sidirhom.
Bis-sħiħ bis-semm mimlijja gidmu rasu,
werżaq bħal ljun ix-xiħ b'għajnejh imberrqa...
fl-aħħar siket maqtul u fl-art instabat
bid-demm miblul u l-bżieq u s-semm ta' ħalqhom.
Harġu henjin iż-żewġt isriep mill-maqdes
tal-kbir Nettunu għax ħallsu x-xiħ u marru
lejn il-maqdes ta' Palla u taħt it-tarka
inħbew u heda l-għadab kiefer tagħhom...

# MIKIEL ANTON VASSALLI

## F'GĦELUQ IL-MITEJN SENA TA' TWELIDU (1764-1964)

Ta' ĠUŻÈ DIMECH DEBONO

Bħalma d-Dinja Letterarja b'Malta magħha għadha kif fakkret egħluq l-erbgħa mitt sena mit-twelid ta' Skakespeare u Marlowe, hekk ukoll hu xieraq li Malta Letterarja tfakkar l-għeluq tal-mitejn sena mit-twelid ta' Mikiel Anton Vassalli, wieħed mill-ulied magħrufa tagħha.

Mikiel Anton Vassallo, għax hekk kunjomu kien tabilħaqq, twieled f'Ħaż-Żebbuġ nhar il-5 ta' Marzu, 1764, jiġifieri mitejn sena ilu.

Ta' sitt snin tilef lil missieru. Imma xorta waħda huwa ntbagħat u tħalla fl-iskola. Għall-ewwel kellu ħsieb isir qassis tant li aktar milli ħa l-Ordnijiet Minuri, hu mar iżid jistudja l-Filosofija, it-Teoloġija, il-Letteratura u xi Ilsna Orjentali ġewwa Ruma.

Iżda aqwa minn kollox ħsiebu kien f'Ilsien Art twelidu, u x'sura ta' kitba għad jista' jagħtih.

B'dan il-għan iberren f'moħħu hu kiteb l-ewwel ktieb tiegħu bl-isem "L'Alfabeto Maltese spiegato in Lingua Maltese ed Italiana", li bih fl-1790 irnexxielu tabilħaqq joħloq alfabet jixbah lil dak ta' żmienna.

Fis-sena ta' wara kiteb Grammatika Maltija bil-Latin li fiha b'dak l-Ilsien hu sawwar kunjomu fil-każ ġenittiv biex imbagħad ġara li baqa' għal dejjem magħruf bħala Vassalli flok b'Vassallo.

Imħarreġ, kif kien fl-Ilsna Orjentali, hu ma naqasx juri ħiltu fl-1793 b'xi epigrafi Għarbin li qaleb għal-Latin bla xejn tilef mill-kobor tas-siwi tagħhom.

Fl-1795 reġa' ġie Malta fejn, barra milli kiteb vokabolarju mill-Malti għal-Latin u t-Taljan, bl-isem "Lexion Melitensis", li ġie mit-bugħ fis-sena ta' wara, huwa ntefa' għal ħafna ħidmiet oħra; jaqbeż għall-Poplu biex kieku b'kummerċ ħieles eċċ: jinqered l-għaks u biex ukoll bi twaqqif ta' skejjel Governattivi jitkattar it-tagħlim fost il-Poplu.

Ġie li tkellem biex, kif wara kien sa jitwettaq bl-Għaxar Artikolu tat-Trattat t'Amiens, titwaqqaf Berġa tal-Kavalieri Maltin, u ġie li bil-maqlub tkellem biex il-Kavalieri jagħtuna l-Indipendenza u jħalluna darba għal dejjem.

Għal dan it-tirżin tiegħu flimkien ma' tixwix u serq t'armi u porvli mill-Armerija ta' l-Ordni, hu ġie mixli b'delitt kontra l-Istat b'riżultat li wara sab ruħu mitfugħ għal għomru f'qiegħ ta' ħabs mudlam.

B'danakollu mill-Forti Rikasli, fejn kien miżmum, ġie mħarrab

ftit żmien wara u nwassal Salerno fuq bastiment Grieg.

Mal-miġja tal-Franċiżi f'Artna hu ġie lura b'dehra ta' xewqtu maqtugħa li s-Saltna tal-Kavalieri ntemmet minn fostna.

Imma meta dawk l-istess nies, li ġabuh magħhom u hawn laħħquh Ajjutant tal-Gwardja Nazzjonali, bdew juru x'jasar isarraf il-ħelsien li jwegħdu lil ħaddieħor, niesu l-Maltin ħabtu għalihom u fost l-oħrajn qabdu lilu li ikkalzraw f'Sant'Anton sakemm f'Jannar tas-sena 1801 huma eżiljawh f'Barbarija kif ġie maqtugħ b'sentenza tal-Qorti nhar is-16 ta' Settembru, ta' qabel.

Wara għoxrin sena msiefer, hu rnexxielu jerġa' jirfes Art twelidu fejn beda jgħix billi jgħallem il-Franċiż.

F'dak iż-żmien, meta l-Ingliżi kienu ilhom qatigħ hawn Malta, Vassalli ma ħabbelx rasu aktar ħlief kif jista' jkun, bħalma tassew sar, Missier il-Kitba Maltija.

Beda, mela, biex fl-1823 qaleb għall-Malti l-erba' Vanġeli li fihom dam jaħdem sa ħames snin wara meta spiċċa b'dak ta' San Ġwann.

Magħrufa ħiltu wkoll mill-Kunsill Ġenerali ta' l-Università, Vassalli ġie fl-1824 maħtur biex igħallem il-Malti fl-istess Università.

Jingħad ukoll li l-Gvernatur Ponsonby ħa ħsieb jaħtru Professur ta' l-Ilsna Orjentali.

Fl-1827 ħareġ edizzjoni oħra ta' Grammatika Maltija miktuba bit-Taljan u fis-sena ta' wara ħareġ ukoll ktieb ieħor bl-isem ta' "Qwiel u Proverbji Maltin".

Fl-aħħar snin ta' ħajtu ntefa' wkoll jaqleb bil-Malti l-Atti ta' l-Appostli meta ħass li saħħtu ma baqgħetx sħiħa bħall-ħajra li kellu, l-aktar billi sikwit kien jaħkem fuqu r-rewmatiżmu.

Fl-aħħar, marid mhux ftit, hu miet ta' 65 sena nhar it-12 ta' Jannar, 1829 bla miegħu miet ukoll ismu.

Jingħad li lanqas m'hu magħruf fejn ġie midfun. Imma għalkemm m'hemm ebda ħjiel fejn tpoġġa ġismu, nafu biżżejjed kull fejn jinsab ismu li jseddaqna bis-sħiħ fil-fehma diġà biżżejjed soda tagħna li tassew darba għex dan Mikiel Anton Vassalli, li aktar minn biss Kittieb Malti Kbir, hu kien ukoll safa' "Missier il-Kitba Maltija".

# CARLUCCIELLO

Ta' ĠER. AZZOPARDI

Kull Naplitan iqis il-baħar bħala wieħed minn ta' ġewwa.

Kull *scugnizzo* jqis lill-baħar bħala ħabib, minn xi daqqiet il-ħabib waħdieni tiegħu, u sikwit imur fejn il-baħar, u meta l-ajru jiftel, tarah jorqod fuq il-blat ma' ġenbu, imxaħxaħ minn dawk il-ħsejjes u aktarx mitluq b'idu mdendla għal ġo l-ilma.

L-iscugnizzo jkollu ħafra dwejjeq — u din hija r-raġuni li għaliha huwa: *scugnizzo*—u b'dik l-id fil-baħar huwa jkun qed jafda għommtu lil ħabibu l-baħar.

U għalhekk Carlucciello mar ħdejn il-baħar.

Jiena rajtu kemm-il darba, kien ta' waħdu, magħlub ferm, dejjem jiġri b'dak ix-xagħar sbejjaħ jittajjar mar-riħ. Kien qisu sallura jiżloq minn idejk u ma terġax taqbdu.

Niftakar, darba qgħadt ngħassislu fix-xatt ta' Santa Luċija, mhux 'il bogħod miz-Zi'Tereż, bla ma lemaħni; kien mitluf moħħu fil-baħar. Il-baħar kien qed jagħraxlu wiċċu u jdawwalhulu bid-dija tiegħu. B'xuf-ftejh imbexxqa huwa kien imsaħħar. U għall-ewwel darba rajtu jid-ħak, bħal kieku qed jilqa' ħabib.

Għaliex ma ntbahtx li din il-ħbiberija kienet sa tkun fatali — u għaliex ma għaraftx li dik it-tagħniqa tal-baħar kienet sa tagħfsu żżejjed?

Halli ngħidilkom ħafif ħafif: tfajjel mgħarraq instab fuq il-blat ta' Santa Luċija. U x'ħabab għamlu fuqu l-ġurnali!

Niskanta l-għala l-ġurnalisti li s-soltu ma jħabblux rashom jekk l-*iscugnizzi* jgħixux jew imutu, din id-darba kitbu artikli mqanqla fuq Carlucciello.

M'għandniex xi ngħidu, it-tirann kien il-baħar u vvintaw dan it-tirann sabiex il-qarrejja ma joqogħdux jitħassbu min kien tassew il-ħati. Ma ntqalitx kelma waħda dwar il-kundizzjonijiet soċjali.

Il-kuxjenza ta' Napli qamet! L-għassa saret meħtieġa. U l-għarqa ta' Carlucciello ġabet nofs riġment igħasses ix-xtajta sabiex dan l-im-għarraq ta' baħar ma jisraqx tfajjel ieħor Naplitan.

In-nies jistaqsu lil xulxin "min huwa t-tfajjel"? "Ta' min hu"?

Ma tawx każ li dak it-tifel kien ta' kull wieħed minna. Dak it-tfajjel kien tagħna, tagħhom, tiegħi u tagħkom.

Il-gazzetti ma ħabblux rashom biex isibu min kienet ommu, jew x'dar kellu u lanqas ippruvaw jifhmu l-problema.

Isem Carlucciello ma baqax jidher fil-gazzetti. Wara kollox Car-lucciello ma kienx ħlief *scugnizzo*, u wara ftit taż-żmien l-għassiesa wkoll twarrbu mix-xtajta.

Ejjew ma nagħmlux bħall-ġurnalisti u niftħu l-bieb u bla biża' naraw x'hemm warajh. Rusella hija mara ta' sitta u tletin sena għad

li qisha nanna, magħluba, imkemmxa, midbiela u b'sidirha mdendel,

Darha, dik li kienet darba d-dar ta' Carlucciello — għar maħmuġ u umdu, xi seba' bi tmien piedi. F'din il-kmajra sodda kienet l-għamara kollha li kienet isservi ta' siġġu u ta' mejda wkoll. Bil-lejl ħames iġsma kienu jitgeddsu fuqha, u f'din is-sodda Rusella toqgħod bilqiegħda tixxengel 'l hawn u 'l hinn rasha meħuda bil-għali u r-rimors tiftakar f'Carlucciello tagħha.

Huwa kien wieħed minn dawk l-*iscugnizzi* mwieled fl-akbar faqar, u l-oħrajn li kienu jgħixu fil-gorboġ miegħu erħewlu jiġġiera 'l barra biex ifendi għal rasu.

Jekk tħossu li din hija moħqrija kbira jkollkom it-tieba li ġġibu quddiem għajnejkom il-kundizzjonijiet ta' dar bħal dik, u aħsbu kif dawn jistgħu jħassru kull raġuni u kull sens ta' umanità. Taħsbu intom li xi omm Naplitana trid titlef lil binha?!

Għal Carlucciello, kif kien għal rasu, l-affarijiet *setgħu* kienu aħjar u fid-dar ma setgħux kienu agħar: dak kien l-argument kollu. U hekk huwa mar għal-libertà tiegħu u għal mewtu wkoll.

Il-qrusa tar-rimors tagħha tidher ċar — għad li Rusella m'għandhiex tort. Jien nista' ngħidilkom ta' min hi l-ħtija.

Intom Insara li taraw id-dinja bid-dmugħ tagħha mit-twieqi tagħkom, li titkellmu fuq il-korruzzjoni morali u ma tagħmlu xejn biex twaqqfuha — intom għandkom sehem fil-qtil tiegħu, u intom li intom għonja biżżejjed li ma tafux b'faqar u li titmeżmżu meta jiġi quddiemkom.

L-awtoritajiet ukoll huma responsabbli bl-apatija tagħhom, bilmili ta' formoli stupidi biex jinxteħtu fuq xkaffa u jintesew — biex ma ngħidu xejn għall-innoċenza ta' dawk li qed ibagħbsu l-fondi li għandhom imorru għall-karità!

Jekk dawn kollha qatluh — allura jiena wkoll ħati. Għaliex jien ma bdejtx ix-xogħol tiegħi snin qabel? Għaliex kont mitmeżmeż li nilbes imċerċer u norqod fuq il-gazzetti u nissaporti d-dud tat-tfal tat-triq?

Għad li għadni żagħżugħ, imissni ilni li bdejt niġbor it-tfal ta' Napli u nibni dar għalihom — u jekk kien jeħtieġ b'idejja stess u żgur li b'qalbi kollha.

U 'l Carlucciello, tfajjel ta' disa' snin, il-lum qed inġorru f'dirgħajja għal dejjem.

---

*NOTA:*

*Dan huwa r-rakkont li bih Don Mario Borelli ta' Napli għalaq l-awtobijografija tiegħu, li jisimha "A Street Lamp And the Stars", li ħareġ din is-sena bil-għajnuna ta' Anthony Thorne.*

# LILL-MITĦNA TAR-RIĦ

Ta' M. ANĠ. APAP

Ja mitħna, min kien waqqfek
Mibruma u hekk qawwija,
donnok sejra teħodha
ma' rwiefen qerredija;
    nistħajlek xi kolonna,
    mafkar il-ġnus mgħoddija.

Min jaf kemm dort ilventa
faċċata ta' kull riħ,
fejn dawrek l-għaqli sidek
bla qatt ma kont tmerih;
    ix-xogħol issa temmejtu
    għalhekk qiegħda tistrieħ.

Min jaf kemm rajt madwarek
fuq rashom, nies bil-qmuħ,
telgħin jilhġu ma' l-għolja,
donnhom f'reqqet ir-ruħ,
    li biex jistrieħu ftit,
    fuq ħajt kienu jqegħduh.

Kemm rajt xkejjer bit-tgħam
ġejjin fuq dahar il-ħmir,
u qalbek bihom mgħaxxqa,
ferħana trid ittir,
    għax int ħanina u bieżla
    bla għira, bla tmaqdir.

Kemm rajt beraq sajjetti,
ifeqqgħu bla mistrieħ!
li kienu jiġu mxierka
mal-ħabib tiegħek ir-riħ?!
    Kif jagħmlu l-ħbieb tad-dinja...
    kull tant juruk il-qiegħ...

Kemm ħarsu lejk il-bdiewa
mill-bogħod tal-għorfa tagħhom
u fik raw l-omm ħanina
li bieżla qed titmagħhom;
    ħarbitlek issa l-ħajja,
    għalhekk m'għadekx hawn magħhom.

Ukoll l-għasafar ħielsa
madwarek ġew bil-qtajja',
għaliex fil-għaks tax-xtiewi
fi ħdanek sabu l-ħajja;

għax inti tħobb lil għajrek
bla tieqaf, u bla tgħaja.

Għaliex, ja mitħna bieżla
warrbitek il-bnedmin?!
Għax sabet min jaqdiha
bla riħ, malajr, f'kull ħin;
bir-roti tal-azzar
iduru ma' xulxin!

Iżd'int m'għandekx tinqered,
għax inti ħdimt fis-sewwa!
Erġ' għolli 'l fuq dirgħajk
ħa jduru b'dik il-ħlewwa,
Tibżax; kulħadd jixtieq
jarak iddur bla dnewwa.

Dur, mitħna, dur, bla hedu
W' urina l'għalkemm xiħa
Int għadek tiflaħ taħdem,
tinsab qawwija sħiħa,
biex meta n-nies iżżurek
tarak tassew sabiħa.

# KARMENU VASSALLO FIL-POEZIJA RELIGJUZA

Ta' JOSEPH C. SCIBERRAS

Meta wieħed jaqra bir-reqqa l-poeżija ta' Karmenu Vassallo għandu jibqa' mistagħġeb kif ħafna, u fost dawn ma setax jonqos li ma kienx hemm xi ilsna ħżiena, qabdu u xebbhuh ma' Giacomo Leopardi li, barra l-pessimiżmu li kellu u l-mibegħda għall-ħajja, kien tilef ukoll it-tama tiegħu fil-ħniena bla tarf t'Alla. Dan il-pessimiżmu tiegħu kien hekk kbir li fil-poeżija tiegħu "Le Ricordanze" kiteb

*"... e quante volte*
*questa mia vita dolorosa e nuda*
*volentier con la morte avrei cangiato"*, waqt li aktar 'l isfel fl-istess poeżija jikteb

*"... non ha la vita un frutto:*
*inutile miseria..."*

F'Karmenu Vassallo jidher il-pessimiżmu, iżda mhux il-pessimiżmu ta' Leopardi, pessimiżmu, biex insejħulu hekk, iddisprat. U lanqas ma naraw f'Vassallo nuqqas ta' tama fil-ħniena bla tarf t'Alla. Dwar din it-tama tal-poeta f'Alla, kliemu fid-daħla għall-ktieb tiegħu

"Kwiekeb ta' Qalbi" ma jħalli fina ebda dubju. Isimgħuh:

"Alla li ħalaqni u bagħatli lil Ibnu biex jifdini kien minn dejjem u jibqa' sa l-aħħar għalija dak li kien għal Francis Thompson. Ikun imbierek! Hu s'issa ma nsieni qatt u lanqas jinsieni. Iva, Alla dejjem ħabbni u ħaseb fija; u jiena ma nistħix u qatt ma nonqos inxandar bil-fomm u bil-pinna l-Provvidenza, it-Tjieba u l-Imħabba bla tarf li Hu wera miegħi", waqt li aktar 'l isfel fl-istess daħla jgħid:

"... Il-baħar ta' pessimiżmu u fataliżmu, li ħajti kontra t-theddid ta' mewġietu qerrieda ħtiġilha kważi l-ħin kolllu titqabad u tissielet bla ħniena, qatt ma wasal biex jifga, jibla' jew itemm ġo qiegħu t-twemmin tiegħi ta' Nisrani u Malti safi Kattoliku. Hekk hu minnu dan, li jiena qatt ma ċħadt 'l Alla u 'l Dini".

L-ewwel damma ta' poeżiji, imgħammda "Nirien", il-poeta jiftaħħa b'poeżija ħelwa u qawwija "Deo Altissimo". Hawnhekk il-poeta jara f'Alla Missier ħanin li jħobb 'l uliedu u li jagħtihom dak kollu li jeħtieġu għax tamiethom hija fih:

*"Inti Missierna li taf tħobb b'imħabba*
*ħelwa 'l uliedek".*

Aktar 'il fuq f'din il-poeżija jgħid 'l Alla li l-qalb tal-bniedem ma tistrieħx ħlief Fih:

*"Fik biss is-sliem, is-serħ, il-faraġ, l-hena*
*ta' qalbna u ruħna".*

Dan l-istess ħsieb il-poeta jtennih fil-poeżija: "Ix-Xmajjar tas-Snin". Isimgħuh:

*"Fil-baħar biss ix-xmara*
*tieqaf u ssib is-serħ;*
*u f'Alla biss ħajjitna*
*issib is-sliem u l-ferħ!"*

Biex ħadd ma jitkabbar, għalkemm ħadd ma għandu biex, fl-istess poeżija l-poeta jfakkarna li:

*"ħajjitna kellha bidu,*
*ħajjitna jkollha tmiem".*

Fil-poeżija "Il-Biża' Tiegħi" K.V., fuq it-tagħlim tal-Kotba Mqaddsa jistqarr:

"Il-bidu ta' kull għerf il-biża' t'Alla"; u x'ħin jara lil ħutu bnedmin mexjin bogħod minn Alla u jiftaħru b'dan, igħid:

*Rasna marbuta! Tlifna Triq is-Sewwa!*
*Qegħdin ninżlu l-Infern ħajjin sikwit"!*

Meta l-poeta għaraf il-kobor t'Alla u ra, meta dineb, lil Min riegħex, sogħob bih minn dnubu u xtaq li kieku qatt ma kien, biex hekk qatt ma kien iweġġagħlu qalbu:

*"Il-biża' tiegħi Alla u jiena nnifsi.*
*Għax inħobb 'l Alla xtaqtni qatt ma sirt".*

Fil-poeżija "Jum il-Missjoni" Karmenu Vassallo jara f'Ġesù l-Iben t'Alla magħmul bniedem Sultan, Sultan setgħan li ħadd u xejn ma

jista' jġarrfu:

*Kristu Sultan f'kull żmien u jibqa' għal dejjem;*
*"Kristu Sultan, il-lum, il-bieraħ, għada;*
*Kristu Sultan u ta' l-erwieħ Feddej;*
*Kristu Sultan fl-imgħoddi u f'li ġej!"*

Għax jaf li Kristu huwa sultan setgħan u li

*"...ħadd u xejn ma jħassar*
*dak li stqarr Kristu b'fommu lil'-bnedmin"*, il-poeta jemmen li s-saltna ta' Kristu, li mhix ħaġa oħra ħlief il-Knisja mwaqqfa minnu, ma jkollha tmiem qatt, tkun maħqura kemm tkun; u b'għajta ferrieħa jgħid:

*"Le! is-saltna ta' Ġesù qatt ma tintemm".*

Fil-ġlieda li sa minn dejjem kien hawn fid-dinja bejn id-dawl u d-dlam, bejn il-qerq u s-sewwa, b'tama sħiħa f'Alla, li qatt ma qarraq jew tqarraq, il-poeta jemmen li fl-aħħar "iż-żejt jitla' f'wiċċ l-ilma" u li r-rebħa tmur fejn tkun mistħoqqa:

*"Iżda r-rebħa ta' l-aħħar tkun tas-Sewwa:*
*għaliex is-Sewwa ħadd ma jista' għalih".*

Ħadd ma jista' għas-Sewwa għax is-Sewwa hu Alla nnifsu u min jeħodha kontra Alla, ikun kemm ikun qawwi, jitfarrak żgur.

Fil-Madonna l-poeta jagħraf Omm, omm ħanina u ta' qalb l-iżjed tajba, u għalhekk fin-niket tiegħu jiftaħ qalbu magħha u jgħidilha b'dak kollu li ġarrab u b'li għadda minn għalih:

*"Ommi mititli: u jekk missieri għadu*
*mas-snin jitqabad bla mistrieħ, għalija*
*ilu li miet ukoll: ħajritni d-dinja;*
*u ħlief xi tama ma ħallietx ġo fija".*

Wara li juriha kemm xorob imrar, jitlobha l-faraġ:

*"Marija, għajnuna: lil Min miet biex fdiena*
*itlob għalija u ieqaf dejjem miegħi:*
*sikket il-qilla tal-baħar ta' ħajti:*
*wassalni qawwi u sħiħ fix-xtajta tiegħi".*

Wara li talab il-faraġ lil Marija, il-poeta ħass il-hena nieżla f'qalbu, bħal balzmu l-aktar ħelu, u għalhekk qa ilha:

*"Inti, Marija, malli x-xemx ta' qalbi*
*tħammar għal ġiehek bl-oħla mħabba rajtli,*
*baxxejtli rasek u dirgħajk berrchtli:*
*tajtni li tlabtek u xewqati qtajtli".*

Iżda jekk f'din il-poeżija jurina x'imħabba għandu f'qalbu lejn Marija, x'jagħmel fil-poeżija mgħammda: "Marija"?

*"Il-għanja bnina li għalik, Marija,*
*ilha tfawwar ġo qalbi żmien u żmien,*
*twieldet u kibret miegħi, twaħħdet miegħi,*
*u forsi bħalha ma ssib qatt u mkien:*
*għax din il-għanja saret qalbi nfisha:*

*u qalbi tiegħi biss u mhix ta' tnejn:*
*u ħliefi ħadd u ħadd ma jħossha tixgħel:*
*u f'ħajti egħżeż minnha m'għandi xejn".*

F'din it-telfa ta' mħabba K.V. joffri lilu nnifsu flimkien ma' dak kollu li hu tiegħu lil Marija Santissima, l-Omm tiegħu tas-Sema:

*"U din il-għanja u qalbi nfisha u magħha*
*id-dawl ta' ħbub għajnejja, saħħti, il-ġid...*
*ta' ġidi kollu, ħajti b'kulma fiha,*
*kollox lilek, Marija, nagħti rrid".*

Il-poeta jrid li din il-poeżija tibqa' xhieda ta' mħabbtu lejn din l-Omm u Xebba; għalhekk rawwimha fil-ġnien ta' qalbu, biex żgur ma tmutlu qatt:

*"Din hija l-għanja li għalik, Marija,*
*ili nrawwem mhux ftit f'ta' qalbi l-ġnien:*
*sawwartha f'ġiehek, b'radd ta' ħajr u qima,*
*biex tibqa' ssaltan sa matul iż-żmien".*

Meta K.V. jitkellem mill-imħabba li tgħaqqad żewġt iqlub f'qalb waħda fis-Sagrament taż-Żwieġ, huwa jara fiha ħaġa qaddisa, kif tassew hi. Fil-poeżija "Ħabbejt u ma Tjassartx" igħidilna li l-imħabba

*"Hi ruħ il-ħajja. Bidu tagħha. Lwienha.*
*U żeragħha fuq l-art Sid il-għixien.*
*Għalhekk l-imħabba mhix nuqqas jew ħażen,*
*iżda milja ta' ġid..."*

Mela l-imħabba mhix għajn ta' ħażen. Issir għajn ta' ħażen meta aħna, għax irridu, nagħmluha hekk. Hekk igħallimna Vassallo fl-istess poeżija:

*"... Jiġi l-ħażin*
*meta bl-imħabba ma ninqdewx kif jixraq".*

Imbagħad, biex wieħed jifhem b'liema għożża l-poeta jżomm l-imħabba li tgħaqqad żewġt iġsma f'wieħed, għandu jaqra l-poeżija tiegħu "Lil Marti", u naħseb li jkun biżżejjed għalih. Isimgħuh ikellimha:

*"Inti forsi ma tafx, sieħba ta' ħajti,*
*illi fl-irbit u t-twaħħid tagħna għal dejjem*
*hemm saċerdozju ġdid! Lanqas ma tifhem*
*kemm kien Alla ħanin u ta' qalb kbira*
*miegħek u miegħi, meta seddaq żwieġna*
*u t-twemmin tagħna fih! B'dir-rabta mqaddsa,*
*marti, Marija, jiena u inti sfajna —*
*bir-rieda tal-Mulej—mqades u midbaħ*
*għall-kotra ta' l-ulied..."*

Aktar 'l isfel f'din il-poeżija jurina x'ferħ ġarrab meta mir-rabta mqaddsa ta' mħabbithom inqata' l-ewwel frott:

*"... U fraħna u fraħna*
*meta dis-siġra fir-rebbiegħa nawret*

*u wara sajret l-ewwel frotta tagħha —*
*biċċa minn demmna, minn ġisimna u ruħna*
*ħajja tal-ħajja tagħna...*

Il-poeta jitlob lil martu biex, meta s-slaleb tal-ħajja jagħfsu fuqha u jtaqqluha, ma taqtax qalbha, għax Alla jaf kull wieħed minna x'toqol jiflaħ u żgur li hu ma jgħabbiniex b'toqol li ma nifilħuhx:

*"... Alla*
*ma jgħabbi 'l ħadd b'salib akbar minn ħiltu".*

Itemm din il-poeżija tiegħu billi jfakkar lil martu li minn imħabbithom, miż-żwieġ tagħhom, huma għandhom id-dmir li jagħtu 'l Alla wlied qaddisa u lil Malta wlied qalbiena li jagħmlulha ġieh u li jgħolluha quddiem il-barrani:

*"... Marija,*
*int li sirt biċċa ġdida minni nnifsi,*
*kun af li wliedna, wara mewtna jġeddu*
*ħajjitna f'tagħhom, f'dik ukoll ta' wliedhom*
*u wlied uliedhom... mingħajr tmiem. B'hekk aħna*
*għal kollox ma mmutux u anqas nintemmu;*
*u nbierku s-siegħa li rabtitna għal dejjem*
*bl-isħeħ egħruq ta' mħabba—dik l-imħabba*
*li minnha jien u int wegħ'dna li nħasslu*
*qaddis 'l Alla u eroj lil Art Twelidna".*

Minn dawn is-siltiet wieħed malajr jintebah li, għalkemm Karmenu Vassallo huwa magħruf għall-pessimiżmu tiegħu, madankollu ma għandux x'jaqsam ma' Giacomo Leopardi f'dak li hu twemmin f'Alla u fi tjubitu, u li għalhekk m'huwiex dak li għamluh, kif stqarrli hu, xi oqbra mbajda u li minħabba fihom kellu jikteb il-poeżija "Poeta Nisrani" fejn wera ċar li hu poeta Nisrani ma għandu x'jaqsam xejn mal-poeta Taljan.

*"Jien Nisrani, bin l-Insara;*
*Malti, demm ta' qlub Maltin"*, u fl-aħħar strofa jgħid

*"Dan li nobgħod, dan li nisħet:*
*l-oqbra mbajda qatt ma ħmilt.*
*Tħalltunix ma' Leopardi:*
*Frott il-Ħaqq u s-Sewwa kilt".*

Kieku bejn il-pessimiżmu ta' Leopardi u ta' Vassallo ma hemmx differenza enormi, kieku Karmenu Vassallo, qatt ma kien itemm issunett tiegħu "Il-Għanja ta' Hajti" b'dan il-kliem:

*"U nitlob bqajt sa ma rnexxieli nsib*
*l-Għanja ta' Hajti msammra fuq Salib"*; iżda kien itemmu b'versejn li jikxfu l-ħsus ta' qalb iddisprata.

# IN-NANNU ĠANNINU

Ta' F. FARRUGIA

Teżor għandi merfugħ f'qalbi,
Ta' nannuwi t-tifkiriet:
Għaxqa kbira dik ta' ħajti
X'ħin nagħmilhom ħsibijiet.

Anġlu kien nannu Ġanninu,
Dejjem anġlu sibtu jien
Bix-xlief f'idu kemm ilaħħaq,
Fomm il-għaqal, wiċċ ħosbien.

Moħħ miftugħ li ftit rajt bħalu,
Qalb tad-deheb mill-iktar fin,
Kburi biss x'ħin wieħed minna
Riekeb ħdejh fil-karozzin.

Għax il-belt kull tant kien jinżel
Għan-negozju tat-tajjar,
Ħelu, kagħak u xi ruġġata
Kien jixtrilna dak in-nhar.

U kien jieħu lura miegħu
Għal min ħalla warajh id-dar,
Kienet ferħ did-dawra tqanqal
Qisna morna Zanzibar.

Dejjem igħasses fuq saħħitna,
Ħsiebu fina għat-tagħlim,
Qatt biss f'ħaġa ma jonqosna,
F'kollox magħna bla tgemgim.

Jekk xi wieħed minna jimrad,
Jekk xi wieħed jieħu riħ,
Porog, xorb, u dlik u ġbajjar,
Magħna sejjer bla mistrieħ.

Meta dħalt għall-ogħla studju,
Fuqu kien arloġġ iġib,
U l-arloġġ wegħdhuli premju
Malli jien insir tabib.

Kemm flus għandu miljunarju,
Ħaġar, deheb u minn kull ġid,
La taħsbux li ma' dan kollu
Nibdel jien; l-arloġġ irrid.

Xejn ma jiswa d-deheb tad-dinja
Jekk fid-deheb imħabba m'hemmx,
Qalb il-bniedem trid l-imħabba
Kif il-ħajja trid ix-xemx.

O kemm qlub id-deheb irvina,
Jgħixu għonja agħar mill-fqar!
Hemm il-ġid fejn hemm l-imħabba
Bħalma s-sħana fejn hemm nar.

Lanqas għadda xahar mil-lawrja
Ġejt għas-safar jien maħtur.
Ferħ u niket! Issa n-nannu
Htieġ tabib biex bih idur.

Tidħak bina din id-dinja,
Qarreqija hi mhux ftit,
Daqs it-tosku morr velenu,
Tisqihulek fl-oħla inbid!

"Għidli, nannu, għidli x'nagħmel"
Mort jien lilu nistaqsih,
"Ibni", qalli "la jiswielek,
Inberiklek dan il-ġieh".

Ram ilellex jien b'deheb ħadtu
Għax jitqarraq iż-żagħżugħ,
Jien sifirt bid-daħka f'wiċċi
L-għada mgħarraq kont bid-dmugħ.

Kemm malajr, o kbira Londra
Ġibt l-aħbar li n-nannu miet!
Daqskemm beka, daqskemm għela,
Qalbu nqasmet f'żewġ biċċiet.

Darba noħlom ħolma minnha,
(Naf li minnha, għax ħassejt)
Nara n-nannu f'nofs il-Ġenna,
Jien intir, għal fuqu ġrejt.

Bistu f'moħħu l-ewwel ħaġa,
Wiċċu mbagħad jien qgħadt inqis,
Rajtu jiddi b'dawl is-Sema
U fhimt b'hekk li kien Qaddis.

Int qaddis O nannu tiegħi!
Meta nbusek fir-ritratt,
Ruħek tiġi fir-ruħ tiegħi,
Tgħidli: "Jien ma tlaqtek qatt"!

# LINGWISTIKA

## TAGHRIF ETIMOLOĠIKU FUQ XI KLIEM MALTI MIĠJUB FL-ISQALLI U FL-GĦARBI
### Studju Komparattiv

Ta' J. ZAMMIT MANGION

Fis-sena 1962, il-Prof. G.B. Pellegrini ħareġ ktieb ta' studju etimoloġiku fuq kliem Sqalli mnissel mill-Għarbi. Dan il-ktieb jismu "Contributo allo Studio dell'Elemento Arabo nei Dialetti Siciliani" (Università degli Studi di Trieste, Istituto di Filologia Romanza), u huwa ta' interess kbir għall-istudjużi tal-filoloġija tal-Malti. Il-lista li jagħti Pellegrini, imqassma fi 18-il kapitlu, fiha numru mhux żgħir ta' kliem Sqalli li hu jnissel mill-Għarbi, u ħafna minn dawn insibuhom fil-Malti wkoll.

Il-kliem Malti li aħna nistgħu nieħdu minn din il-lista huma ta' żewġ xejriet: għandna kliem ġej direttament mill-Isqalli u mhux mill-Għarbi minħabba raġunijiet fonetiċi; u għandna kliem ġej direttament mill-Isqalli b'tifsira differenti minn dak li hu mnissel mill-istess għeruq Għarbin fil-Malti. Minn ta' l-ewwel għandna, p.e. il-kelma *zokkor;* f'tat-tieni, interessanti ħafna huma kliem bħal *kamla* "duda li tiekol il-ħwejjeġ" u *qamla* "duda tar-ras".

Kategorija oħra ta' kliem turi fejn il-Malti la jaqbel ma' l-Isqalli u lanqas ma' l-Għarbi fil-morfoloġija. Xi kultant nistgħu nnisslu dawn il-kliem minn lingwa oħra li wkoll influwenzat lill-Isqalli, u xi kultant le.

Minn dan it-tagħrif kollu wieħed jista' joħroġ l-isbaħ tagħlima. Din hi li l-Għarab li ħakmu 'l Malta fis-sena 870 kienu jitkellmu l-istess bħal dawk li ħakmu lil Sqallija mis-sena 827, u aktarx ukoll bħal dawk li ħakmu lil Spanja fis-sena 711. Fi Sqallija kien hemm diġà kultura mħallta qawwija — kultura Punika mħallta ma' dik Griega u Latina vulgari, bħalma kellna Malta. Iżda l-istorja turina li l-Għarab damu ħafna ma ħakmu Sqallija għal kollox, u iktar u iktar biex daħħlu l-ilsien tagħhom. Terġa', wara li telqu l-Għarab, l-Isqallin daħlu għal kollox fl-ambjent tal-kultura Ewropea u ikkontribwew mhux ftit għaliha. Il-bidla ta' l-ilsien Għarbi f'dak Sqalli, hekk imsejjaħ "lingua franca" ta' l-Isqalli u Spanjol, u fl-aħħarnett, Taljan, hija xhieda ta' kemm Sqallija kienet ċentru ta' moviment soċjali u kulturali mill-Medju Evu sal-waqgħa tal-Borboni.

F'Malta, għall-kuntrarju, għalkemm ma nafux sewwa x'ilsien kien hawn qabel ma ġew l-Għarab, nistgħu bla wisq taħbit nindunaw li l-Għarab daħħlu l-lingwa tagħhom sewwa, hekk li sal-lum, lingwistikament, il-Malti nistgħu ngħodduh bħala djalett Għarbi modern. Wara li l-Għarab telqu minn Malta, il-gżira, jew aħjar, il-massa tal-poplu tagħha, baqgħet iżolata f'dak li teknikament insejħulu "sheltered area" mill-kurrenti kulturali u saħansitra lingwistiċi. Il-kliem ġdid daħal bil-mod, hekk li kellu żmien jiġi assimilat. Sas-sena 1750 ħadd ma ta każ serju ta' l-istudju u l-letteratura Maltija. F'din l-iżolazzjoni, il-Malti żamm l-integrità fonetika, grammatikali u fil-biċċa l-kbira tal-lessiku tiegħu wkoll.

Nistgħu naħsbu li l-kliem Sqalli daħal f'Malta wara li telqu l-Għarab. Dan il-kliem ġie f'konflitt ma' kliem Malti Għarbi u għadda mill-istess proċess semantiku bħalma jispjega sewwa l-Prof. Aquilina f'wieħed mill-essays tiegħu f'"Papers in Maltese Linguistics". Hekk id-differenza bejn *alfier* u *fieres*, bejn *arsenal* u *tarzna*, u t-telf ta' kliem Għarbi bħal *bardagħa* u *fudal* fil-waqt li żammejna *alboral* u *fardal*.

Il-lista ta' hawn taħt, li tinkludi l-iktar kliem interessanti għall-ħsieb tagħna, hija meħuda skond l-ordni li jagħtiha Pellegrini. Għall-ħeffa ta' min jixtieq jissokta t-tagħrif, l-ewwel kelma li fuqha hu mibni dan it-tagħrif hija bl-Isqalli. Il-kliem Sqalli hu miktub kif jagħtih l-awtur; l-Għarbi hu maqlub għall-ortografija Maltija.

*albaranu:* "kitba privata sottoskritta mill-partijiet". Bil-bidla tal-likwidi *l u n f'r u l*, insibu din il-kelma fil-Malti bħala *arboral* "il-ġabra li ssir minn kappillani jew oħrajn għall-festa". It-tibdil tal-likwidi fil-Malti, bħal fl-Għarbi djalettali huwa komuni ħafna, u l-iktar li jsir fil-kliem missellef minn ilsna barranin (Marcais: Dialects Arabe Parle par Tlemcen — p 33). Din il-kelma ġejja mill-Għarbi *al-bara'a* "irċevuta" li ma jidhirlix li għandna fil-Malti.

*gabella:* ġejja mill-Għarbi *qabala*, li fil-Malti saret *qbiela*. Minn *gabella* ħarġet il-kelma *cabbillottu* "kerrej" li minnha fil-Malti għandna *gabillott*, isem ieħor għall-bidwi. *Cabellotos* li kienet tintuża f'Palermo sa mill-1260 tidher li għandha mill-Ispanjol.

*algoziru:* "surġent tal-qorti, wieħed li jamministra l-liġi", saret *argożin* fil-Malti bit-tifsira ta' "għassies ta' l-ilsiera fuq ix-xwieni". Ġejja mill-Għarbi *al-ważir* "amministratur pubbliku" li minnha fil-Malti għandna l-kelma *lawżar* "bejjiegħ tat-triq".

*giufà:* "tingħad għal raġel ibleh u fl-istess ħin ħluqi u mberfel" fil-Malti saret *ġifa* "bla ħila". Ġejja mill-Għarbi *djeħà* "figura popolari li tippersonifika l-ibleh" li minnha għandna l-persunaġġ folkloristiku *Ġaħan*.

*senzali, sensali:* "bejjien tan-negozju, dak li jindaħal biex iwassal fit-tmiem jew ifittex xi negozju". Fil-Malti wkoll *sensar*. Mill-Għarbi *simsar*. Hija tqila li tgħid sewwa jekk il-kelma Maltija hix ġejja direttament mill-Għarbi jew mill-Isqalli għax jidħlu fatturi so-

ċjoloġiċi barra dawk lingwistiċi.

*alfieri:* "dak li jerfa' l-istendard fl-armata", bil-Malti *alfier* "grad fil-milizja tal-Kavalieri". Ġejja mill-Għarbi *al-faris*, li bil-Malti hi *il-fieres*, "rikkieb taż-żwiemel, kavalier" kif ukoll laqam.

*arsenali:* "post fejn jinħadmu u jinżammu l-bastimenti u kull għodda tal-gwerra". Fil-Malti *arsenal* x'aktarx għandha t-tifsira tal-aħħar minħabba kuntatt ma' l-Ingliż *arsenal*. Fl-Isqalli wkoll tinsab il-kelma *tirzana*, pjazza f'Palermu u *tarsana* b'sinifikat ta' "arsenal tal-bastimenti". Fl-Ispanjol antik *daracana* tfisser l-istess, għal-kemm fl-Ispanjol tal-lum *tarzina* tfisser "fabbrika tat-tabakk". Bil-Malti, *tarzna*, jew *tarznar* ifissru "post fejn jinħadmu u jissew-wew il-bastimenti". Mill-Għarbi *dar as-sanagha* "fabbrika, post fejn jinħadmu għodda tal-gwerra", li minnha għandna kemm-il kelma *dar* kif ukoll il-kelma *sengħa*.

*mazzara:* fl-Isqalli "ġebla tqila", fil-Kalabriż "ġebla li tagħsar, pindlu ta' arloġġ, ġebel li jżomm 'l isfel ix-xibka tat-tunnara" fid-djalett ta' Salento "ġebla li sservi ta' ankra... jew piż". Il-kelma Maltija *mażżra* tidher li toqrob il-Kalabriż u s-Salentin iktar mill-Isqalli. Mill-Għarbi *magħsara* li minnha għandna *magħsra*, "ġebla li tagħ-sar iż-żebbuġ f'żejt".

*sciloccu:* "riħ sħun li jonfoħ minn bejn nofs in-Nhar u l-Lvant". Bil-Malti *xlokk*. Fil-Għarbi *xaluq* jew *xaluk* ifissru l-istess. Għalkemm ħafna drabi l-*q* Għarbija ssir *k* fil-Malti *(daħak)*, jidher li l-kelma Maltija iktar toqrob l-Isqalli. L-irjieħ tal-boxxla kollha barra "nofs in-nhar" huma ta' nisel Sqalli.

*alcova, arcova:* "post maqtugħ b'arkata, kważi kamra żgħira tagħti f'oħra fejn titqiegħed is-sodda". Bil-Malti l-istess. Mill-Għarbi *al-qubba* "saqaf bit-troll, dar li tispiċċa f'koppla, għar fejn jin-ġabar l-ilma" li minnha fil-Malti għandna *Mqabba*. Fil-Malti għand-na wkoll il-kelma *guva* "kamra żgħira, x'aktarx għall-għasafar" li ġejja mill-Isqalli.

*bacara:* "karozzella ta' tnejn mingħajr post għas-sewwieq". Mill-Għarbi *bakara* "karozzella". Dozy jgħid li minn din ġejja l-kelma *al-bakkara* "karrozzella". Minn hawn jista' jkun li ġej il-kunjom Malti antik *Ta' Bakkar*.

*catusu:* "għodda tax-xaqquf forma ta' kanna żgħira minn fejn igħaddi l-ilma". Bil-Malti *katusa*. Fil-Għarbi *qadus*. Il-kelma Maltija turi li hi eqreb l-Isqalli, għalkemm kif saret femminili ma nafux.

*varda:* "sarġ tal-bhejjem tat-tagħbija mingħajr qaws". Bil-Malti *farda*. Mill-Għarbi *bardagħa* li minnha fil-Malti baqgħalna l-kelma *msie-mer tal-bardgħa* "imsiemer b'rashom kbira tar-ram li bihom iwaħħlu l-ġild".

*fadali, fedali:* "biċċa ħwejjeġ li jilbsu n-nisa quddiemhom, marbuta ma' qaddhom u tinżel sa rkubbtejhom". Fil-Malti *fardal*. Mill-Għarbi *fudal*. Kif il-likwida *r* daħlet fil-kelma Maltija jekk mhux

b'kumpens tat-tnaqqis mit-tul ta' l-ewwel vokali, ma nistgħux ngħidu sewwa.

*mantarru:* "lbies raħli". Fil-Malti *mantar* "kapott tan-nies tar-rħula". Mill-Għarbi *mamtar.* Bħal fil-kelma "sensar", il-kelma Maltija iktar toqrob l-Isqalli.

*gesuminu, gersuminu:* bil-Malti *"ġiżimin".* Fil-Għarbi *jasamin.* Il-kelma turi li ġejja mill-Isqalli.

*lumia:* "kwalità ta' lumi bi ftit sugu ħelu u b'riħa qawwija" (iktar toqrob lejn il-kelma Maltija *rumiċell* jew *lumiċell*), mill-Għarbi *lima.* Fil-Malti għandna *lumija.* Dil-kelma minn Sqallija hi interessanti ħafna għax aktarx li ġejja mil -Biżantin *limia.*

*milinciana:* *"brinġiel".* Fil-Għarbi *badinġan.* Il-kelma Maltija hi 'l bogħod mill-Għarbi daqskemm hi mill- sqalli. Iżda fl-Ispanjol insibu l-kelma *berenjena,* bl-istess tifsira, f'dokumenti antiki.

*usfaru:* "ħaxixa li l-fjura tagħha tixbah lil taż-żagħfran, iżda ta' inqas valur u iktar kwantità". Bil-Malti nistgħu nxebbhu din mal-ħaxixa "Ingliża", jew "qares" li wkoll insejħulu *isfar.* Mill-Għarbi *ghusfur* li minnha għandna l-kelma *għosfor* "żerriegħa rqiqa għall-għasafar".

*zuccaru:* *"zokkor".* mill-Għarbi *sukr, sukkar* u fid-djalett Magrebin *sukkar.* Il-kelma Maltija ġejja direttament mill-Isqalli.

*carmuciu:* *"żarmuġ"* mill-Għarbi *ħarmex.* Iż-ż tal-kelma Maltija ma nistgħux ngħidu sewwa minn fejn ġejja.

*camula:* *"kamla".* Mill-Għarbi *qamla* li għandna wkoll fil-Malti.

*giuran(n)a:* *"żrinġ"* mill-Għarbi *ġaran(a).* Bħal fi *żarmuġ,* għalkemm l-għerq *ġ-r-n* qiegħed hemm, l-aħħar *ġ* ma nistgħux ngħidu minn fejn ġejja.

*gattu-maimuni:* "annimal jixbah lix-xadina iżda bid-denb" (mil-Latin tas-seklu XIV). Fil-Kalabriż "fantasma, ħaġa li jbeżżgħu lit-tfal biha". Fil-Malti *gidmejmun* għandha tifsira metaforika ta' "brikkun" u ħafna drabi nużawha fejn metaforikament nużaw ukoll il-kelma "xadin" b'tifsira ta' "jilħaqlek, ħażin". *Gattu* hija Taljan/Latin għal "qattus". *Maimun,* fil-Għarbi, tfisser "imbierek, kuntent, xadina". Ta' min jinnota l-isem tal-familja għarbija u tal-post *Ta' Majmuna,* u l-konnessjoni tal-għerq Għarbi mal-kelma Mammona.

*sceccu:* "ħmar", mit-Tork *esek* "ħmar, injorant". Fil-Malti nużaw l-espressjoni "qisek ċikku ċuċ", fejn "ċuċ" tfisser "ħmar", u "ċikku" hija l-istess bħal "sceccu". Ngħidu wkoll "ċikku briku" mill-Ispanjol "chicos y burricos" (ħmar u ħmar).

*cuccia:* "minestra tal-qamħ mgħolli ma' ħwejjeġ oħra". F'Pantellerija, "ikel magħmul minn ċerejali li jittiekel b'devozzjoni fil-festa ta' S. Luċija". Fil-Malti għandna l-kelma *quċċija* li għat-tifsira oriġinali tagħha jagħtina tagħrif siewi Agius de Soldanis. Mill-Għarbi *kixkija.*

*farfaru:* "moħħu jilħaqlu, ħażin"; mill-Għarbi *farfar* "ħafif, bla kwiet". Fil-Malti għandna l-kelma *fanfru* isem ta' ħuta, fejn għandna t-tibdil ta' l-ewwel likwida f'*n*. Fl-Isqalli nsibu wkoll il-kelma *farfareddu* "tifel fuq ruħu, bla kwiet", filwaqt li *farfarieddu* fil-kalabriż, (kif ukoll *farfaru*) ifissru "xitan". Minn hawn għandna l-kelma *farfett. Farfara,* fil-Kalabriż, tfisser "tifla"; aħna fil-Malti ngħidu *tifel imfarfar,* "tifel beda jikber ġmielu", u *qed jitfarfar.* Ma nħalltux dan il-verb ma' l-ieħor *farfar* "neħħa t-trab", għalkemm għandna l-istess idea ta' ċaqliq.

*mischinu:* "nom li juri faqar, qalb sewda u wġigħ kbir". Fil-Malti *miskin* li ġejja mill-Għarbi *miskin* ta' l-istess tifsira. Il-kelma Taljana *meschino* ġejja mill-istess.

*zizzu:* "eleganti, ħelu, ġustus"; mill-Għarbi *għażiż* "rari, prezzjuż, eċċellenti" li minnha għandna fil-Malti *għażiż* bit-tifsira ta' "*maħbub*". Mill-Isqalli jista' jkun li daħħalna l-kelma tat-tfal "*żiżi*", kelma li jużaw meta jgħaddu idejhom fuq wiċċ xi ħadd li jħobbuh.

*arracamari:* "*tirrakkma*", mill-Għarbi *raqama* minn fejn aħna ħadna "*torqom*".

*ciaccari:* "titlef l-għaqda bejn xi ħwejjeġ, taqsam, tfendi". Mill-Għarbi *xaqqa* "taqsam" (bil-Malti *xxoqq*). Mill-Isqalli ġibna l-kelma *zikka, nzikka,* kelma li jużaw it-tfal meta jkunu jilagħbu ż-żibeġ. Jista' jkun li l-kelma Maltija *zzika, tagħti z-ziki* bit-tifsira ta' "tinki, tinqeda bit-tgħajjir biex tweġġa' (tfendi t-tgħajjir)" ġejja minn hawn ukoll.

*cifeca:* "ma jiswiex, ħażin", mill-Għarbi *xafaq* "ta' kwalità inferjuri li minn din ta' l-aħħar nużaw ukoll b'mod dispreġġattiv "*xaqfa*". jista' jkun li l-kelma Maltija *xaqquf* (mid-dehra ta' nisel magrebin) għandha x'taqsam mal-kelma Għarbija/Siċiljana b'metatesi tat-tieni u t-tielet radikali. Għandna wkoll il-kelma *ċefċuqa* "ħaġa ta' valur żgħir".

*lemmu:* "reċipjent fond tal-fuħħar fejn jaħslu l-affarijiet tal-kċina". Bil-Malti *lenbija.* L-etimoloġija ta' din il-kelma, skond Pellegrini, hi interessanti ħafna. Fil-Kalabriż hemm il-kelma *limba* u fl-Albaniż *lembi* bl-istess tifsira. Dawn ġejjin mill-Grieg modern *limpa* li ħaduha minn għand it-Torok, u forsi, indirettament mill-Għarbi *malamm* "reċipjent".

---

## KOTBA LI RĊEVEJNA GĦAL-LIBRERIJA

**It-Tnalja**—Rumanz ta' Ġużè Chetcuti (Union Press, Valletta, 1964).

**La Marina Maltese—Dal Medio Evo all'Epoca Moderna**—Ta' A. Cremona (Estratt mill-*Journal of Maltese Studies,* N. 2. 1964—Malta University Press).

# RECENSJONIJIET

## "UNO SGUARDO PANORAMICO DELLA LETTERATURA MALTESE CONTEMPORANEA—POETI MALTESI VIVENTI"—G. Curmi. Estratt mill-"Journal of the Faculty of Arts", Vol. II No. 3, 1964.

Waslilna f'idejna ktejjeb ta' Dr. G. Curmi: "Uno Sguardo Panoramico Della Letteratura Maltese Contemporanea". F'dan l-istudju Dr. Curmi jagħmel apprezzament qasir fuq il-letteratura Maltija u jitkellem dwar ftit mill-kittieba Maltin, kważi kollha poeti u jsemmi x-xogħlijiet tagħhom.

L-awtur ma daħalx fil-fond fl-istudju tiegħu u anqas għamel aprezzament bir-reqqa dwar opri letterarji Maltin li l-lum jaf bihom kulħadd. Milli jidher hu ried jikteb fit-tul biss dwar Ġużè Chetcuti, wieħed mill-poeti u prożaturi l-aktar magħrufin ta' żmienna.

Hu jifli bir-reqqa x-xogħlijiet poetiċi ta' Chetcuti u juri s-siwi u s-sengħa tagħhom; jikteb fuq l-impressjoni li tagħmel il-poeżija ta' Chetcuti fuq il-qarrej, u jagħti raġunijiet għaliex Chetcuti hu magħdud bħala il-Poeta tal-familja.

Dan l-istudju hu interessanti għax miktub minn poeta li jikteb bit-Taljan fuq poeta ieħor li jikteb bil-Malti u għalhekk l-awtur aktar iħoss il-ġmiel il-lirika u r-ritmu tal-poeżiji li jitkellmu fuqhom.

L-awtur jitkellem ukoll fuq Ġużè Chetcuti bħala prożatur, iżda jidher li hu kien aktar jieħu pjaċir kieku Chetcuti baqa' mixħut fuq il-poeżija u mhux intefa' fuq il-proża, għalkemm ikollu jammetti li l-fama ta' Chetcuti l-lum hi msejsa fuq ix-xogħlijiet ta' proża tiegħu.

## "L-EWWEL SNIN TAŻ-ŻWIEĠ" — Onor. Emilio Camilleri, M.L.A. Giov. Muscat & Co. Ltd., Malta, 1963.

Fl-ilsien Malti aħna neqsin minn kotba fuq it-tagħlim, iżda kotba li jittrattaw fuq suġġetti riversati wieħed jista' jgħid li ma għandna xejn. Suġġetti bħal żwieġ, imħabba, emozzjoni u oħrajn bħalhom, tista' tgħid li għandna bil-waħdiet biss. Għalhekk kien ħsieb tajjeb dak tas-Sur Camilleri li joħroġ dan il-ktieb li jittratta fuq l-ewwel snin taż-żwieġ, dawk il-ftit snin li minnhom jiddependi l-ħajja tibqax hienja għal bosta snin jew issir infern għar-raġel u l-mara li jingħaqdu flimkien.

Fil-perijodu ta' l-ewwel snin isir l-adattament bejn ir-raġel u l-mara; jiġifieri huma jagħrfu u jsiru jafu sewwa lil xulxin, jidraw in-nuqqasijiet u l-ġibdiet ta' xulxin, jitgħallmu jieħdu bis-sabar lil xulxin. Dan it-tagħlim ma jsirx kif ġie ġie, iżda jeħtieġ studju u għaqal; il-mara u r-raġel jeħtiġilhom jistudjaw sewwa lil xulxin, u biex aktar jirnexxilhom jistudjaw u jitgħallmu tajjeb, l-awtur f'dan il-ktieb ġabar dawk il-ħwejjeġ kollha li huma ta' ħtieġa kbira biex il-ħajja tal-miżżewġin tinbena fuq sisien sodi u timxi bla tfixkil.

L-awtur jistħarreġ u janalizza t-tqanqil l-aktar profond tar-raġel u tal-mara, ix-xewqat misturin u l-ġibdiet tas-sensi tagħhom, u l-ħtiġijiet għas-sodisfazzjon ta' dawk it-tqanqiliet u l-ġibdiet. Hu wkoll b'maniera sempliċi u li jifhimha kull min hu ta' l-età, jagħti tagħrif u twissijiet biex il-miżżewġin isegwu s-sejħat tan-natura u jwettqu l-iskop li għalih iżżewġu, bil-għaqal u bil-ħsieb għall-ġid tagħhom u tas-soċjetà kif trid il-Knisja Mqaddsa. Għax kif kiteb l-awtur innifsu, jekk il-miżżewġin jir-

regolaw il-ħajja tagħhom "skond ir-raġuni u ta' Insara, il-pjaċir li jiksbu jkun għalihom għajn ta' hena, ta' mertu u ta' ħajja hienja u mimlija mħabba u rispett sal-mewt".

G.

## "INNIJIET TAL-KNISJA". Versi ta' Bro. Henry, F.S.C. Mużika ta' Dun Karm Scerri, De La Salle College, Cottonera, 1964. Paġ. 60.

Gie f'idejna dan il-ktieb ta' Innijiet popolari immużikati mis-Surmast Dun Karm Scerri. Ħsibna li din hi biċċa xogħol f'waqtha, billi skond il-liturġija mixtieqa mit-Tieni Konċilju Vatikan, il-fidili għandhom jieħdu parti fis-sagrifiċċju tal-Quddiesa u funzjonijiet oħra tal-Knisja, u l-fidili juru tassew kemm ikunu qegħdin jieħdu sehem fiċ-ċerimonji, meta jkantaw innijiet ta' foħrija u ringrazzjament.

L-innijiet popolari, kif ifisser isimhom, huma dawk li jkanta l-poplu u għalhekk jeħtieġ ikunu jgħoddu għal kulħadd, kbar u żgħar, nies ta' kull klassi u kundizzjoni. L-innijiet miġburin f'dan il-ktieb huma adattati wisq biex jitgħallimhom il-poplu; huma ħfief u ċari, wieħed jaqbadhom malajr, iqanqlu ferħ u entużjażmu, u fihom armonija u melodija li jdoqqu fil-widna.

Din il-ġabra laqtitna għax tħaddan l-aqwa funzjonijiet u ċerimonji reliġjużi; fiha innijiet għall-aqwa festi tal-Knisja bħalma huma: il-Milied, il-Gimgħa l-Kbira, Il-Għid, il-festi tal-Madonna u festi oħrajn nazzjonali, bħal dik ta' Kristu Re, ta' San Ġużepp u ta' Qaddisin oħra Protetturi tal-Gżejjer tagħna. Dawn l-innijiet miktubin f'maniera sempliċi imma fl-istess ħin tinħass fihom is-sejħa jew l-idea reliġjuża.

Kull Nisrani li jiffrekwenta l-Knisja jmissu jixtri kopja ta' din il-ġabra ta' innijiet li jerfgħu u jfarrġu r-ruħ fil-prattika tal-Fidi.

G.

## "IT-TNALJA". Rumanz ta' Ġużè Chetcuti. Stamperija "Union Press", Valletta, 1964. Paġ. 262.

Dan ir-rumanz hu xhieda oħra tal-kapaċità tas-Sur Ġużè Chetcuti bħala awtur ta' ġrajja realistiċi. Hu jpinġi l-ħajja ta' nies fqar, ħaddiema u raħħala, bla tlellix u bla tirqim; għalih ma hemmx "kiaroskuri", dak li hu ikraħ, jistmellu, u dak li hu sabiħ, igħożżu.

Il-ħajja tal-kotra tolqot is-sentimenti kollha tal-bniedem, sentimenti tajbin, sentimenti ħżiena, li jitwettqu b'qawwa u bi ħruxija; il-kitba ta' l-awtur hi mera ta' dik il-ħajja u ta' dawk is-sentimenti li jqanqlu u jaħkmu fuq ir-ruħ, fuq il-ħsieb u fuq il-qalb ta' nies li jgħixu u jħawtlu fit-triqat dojoq, fis-sqaqijiet, fil-kerrejjiet, fil-gabubi u fl-irziezet.

Dan ir-rumanz hu xempju ta' l-irħula ż-żgħar ta' pajjiżna, fejn in-nies aktarx bla skola, igħixu bit-tqanċiċ, mill-baħar jew mir-raba'. Nies foqra, iħobbu l-Knisja, jistmaw il-qassis, imma medhijin b'salib ħaddieħor, għajjurin u seksieka, imma kollha għandhom il-persunalità tagħhom u kollha jidhru ħajjin f'għajnejn il-qarrej.

Wieħed li mhux imdorri qalb in-nies ta' l-irħula għandu mnejn jistagħġeb kif u mnejn ħarġu l-karattri ta' Marjuċċa u ta' Velina, żewġ nisa li jidhru bla qalb, bla ruħ u bla mistħija, qishom il-karattru tip Żaża ta' Żola; imma wieħed irid iġib quddiem għajnejh li l-mara għafsija

ma tafx tikkontrolla s-sentimenti ta' moħħha u t-tqanqil ta' qalbha, u għalhekk ir-reazzjoni tagħha lejn min iżeblaħha, hi feroċi u bla rażan.

Wieħed mill-karattri l-aktar maqlugħin f'dan ir-rumanz hu dak ta' Dun Kozz. Ikolli ngħid li dan il-karattru hu mnebbaħ minn *Don Camillo* tal-Guarreschi. L-awtur jagħmel enfasi aktar fuq il-personalità milli fuq il-persunaġġ. Din il-maniera ta' rappreżentazzjoni letterarja hi wisq diffiċli għax jekk il-kittieb ma jimxix bir-reqqa, jaqa' fil-parodija u flok ma jislet karattru ħaj, joħroġ karikatura. Dun Kozz mhux karikatura iżda hu figura ta' qassis raħli, goff fil-manieri, iżda qalbu taz-zokkor, jaf u jagħder in-nies tar-raħal għalkemm meta jeħtieġ, juri ruħu mqit u tal-kolp. Feliċ hu tip ta' raġel injurant u prużuntuż minn dawk li jinsabu bl-eluf fil-Gżira tagħna; irid jiddeffes f'kollox, irid juri ruħ, imma ħsiebu biex idabbar xi ħaġa jew jiġbed in-nar lejn xawwatu.

Imbagħad hemm persunaġġi oħra, irġiel tax-xogħol u nisa tad-dar, żgħażagħ u tfal, kollha jiġbdu ħajta fin-nisġa tar-rumanz, u kollha marbutin flimkien fit-tqanqil tal-qlub, fil-ħerqa tax-xewqat, fil-makkakerija tal-moħħ u fil-ħabi tat-tnassis. Dik ir-rabta fiha sura ta' għoqda mħabbla maħkuma mill-hemm u min-niket li bħal ħniek ta' tnalja dejjem jagħfsu fuqha.

Is-Sur Chetcuti, biex ir-rumanz ma jkun jonqsu xejn, daħħal ukoll it-twegħir tal-pulitka li hi tant ħarkiena fost il-kotra tagħna l-Maltin, u biex jirrisalta aktar l-aspetti tal-ħajja Maltija, daħħal l-element tradizzjonali u folkloristiku li jagħtu kulur u ħerqa lin-nisġa tal-ġrajja.

Mill-bidu sa l-aħħar, in-nisġa tar-rumanz iżomm lill-qarrej xewqan biex ikun jaf x'se jiġri u kif se jġibu ruħhom il-persunaġġi, dawn huma miġbudin u maqlugħin b'sengħa veritjera li tagħti gost u pjaċir, tant li f'kull wieħed jew waħda, il-qarrej għandu jara lil xi ħadd li jafu. Il-għamla, il-ħsieb, l-imġiba, id-djalogi u l-manneriżmi tal-persunaġġi huma kollha mfasslin fuq xempju u sura Maltija u meta wieħed iqis dan ma jif-hemx għaliex l-awtur għażel xi ismijiet, bħal Marjuċċa, Velina, li ma humiex ismijiet Maltin l-aktar fost in-nies tar-raħal.

Kollox ma' kollox, dan hu rumanz li jsaħħaħ mhux ftit il-letteratura moderna Maltija. Hu miktub tajjeb, bis-sengħa u bil-għaqal, stampat sabiħ, karta magħżula u tipi ċari, jista' joqgħod fil-wisa' maġenb rumanzi li qegħdin joħorġu fi bliet kbar ta' barra minn Malta.

G.

## KRONAKA TA' L-AKKADEMJA

**Għandna l-pjaċir inħabbru n-nomina ta' Dun Karm Sant, B.A., D.D, S.S.D., Membru Akkademiku tal-Għaqda, bħala Professur tal-Kattedra ta' l-Iskrittura Mqaddsa, tal-Lhudi u Grieg Bibliku fl-Università ta' Malta flok il-Professur Mons. P.P. Saydon, li rtira mill-karika wara 33 sena bl-unuri u l-merti kollha.**

**Il-Professur Dun Karm Sant, wara li temm l-istudji tiegħu fl-Istitut Bibliku Pontifiċju f'Ruma, kiseb m'ilux id-dottorat tax-Xjenzi Bibliċi. Lill-Professur Sant nifirħulu fil-waqt li nawgurawlu kull riżq fil-karika ġdida tal-Professorat, u lill-Professur Mons. Saydon nixtiequlu dak il-mistrieħ li tassew jistħoqqlu wara karriera hekk sabiħa li għamlet l-isbaħ ġieh lill-Kattedra li fiha dam għal żmien hekk twil.**